ISSN 1977-0987

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 226

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

**Volum 56**

**3 ta' Awwissu 2013**

Avviż Nru | Werrej | Paġna

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea**

2013/C 226/01 — L-Aħħar Pubblikazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea f'Il-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ĠU C 215, 27.7.2013 ........ 1

V *Avviżi*

PROĊEDURI TAL-QORTI

**Il-Qorti tal-Ġustizzja**

2013/C 226/02 — Opinjoni C-1/13: Talba għal opinjoni mressqa mill-Kummissjoni Ewropea skont l-Artikolu 218(11) TFUE ........ 2

2013/C 226/03 — Kawża C-112/13: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Oberster Gerichtshof (l-Awstrija) fit-8 ta' Marzu 2013 — A vs B et ........ 2

2013/C 226/04 — Kawża C-275/13: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal Supremo (Spanja) fil-21 ta' Mejju 2013 — Elcogás, S.A. vs Administración del Estado u Iberdrola, S.A ........ 2

2013/C 226/05 — Kawża C-280/13: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Juzgado de primera instancia de Palma de Mallorca (Spanja) fit-22 ta' Mejju 2013 — Barclays Bank S.A. vs Sara Sánchez García u Alejandro Chacón Barrera ........ 3

MT

**Prezz:**
**3 EUR**

*(Ikompli fil-paġna li jmiss)*

| Avviż Nru | Werrej (ikompli) | Paġna |
|---|---|---|
| 2013/C 226/06 | Kawża C-281/13 P: Appell ippreżentat fit-22 ta' Mejju 2013 minn Lord Inglewood et mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Ir-Raba' Awla) fit-13 ta' Marzu 2013 fil-Kawżi maqgħuda T-229/11 u T-276/11, Inglewood et vs Il-Parlament | 3 |
| 2013/C 226/07 | Kawża C-295/13: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mil-Landgericht Darmstadt (il-Ġermanja) fit-28 ta' Mejju 2013 — Rechtsanwalt H (amministratur ta' proċedura ta' falliment ta' G.T. GmbH) vs H. K. | 4 |
| 2013/C 226/08 | Kawża C-299/13: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Cour constitutionnelle (il-Belġju) fit-30 ta' Mejju 2013 — Isabelle Gielen vs Conseil des ministres | 5 |
| 2013/C 226/09 | Kawża C-300/13: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal Superior de Justicia de la Comunidad Valenciana (Spanja) fit-30 ta' Mejju 2013 — Ayuntamiento de Benferri vs Consejería de Infraestructuras y Transporte, Iberdrola Distribución Eléctrica SAU | 5 |
| 2013/C 226/10 | Kawża C-302/13: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Augstākās tiesas Senāts (il-Latvja) fit-3 ta' Ġunju 2013 — AS "flyLAL-Lithuanian Airlines", fi stralċ vs VAS "Starptautiskā lidosta 'Rīga' " u AS "Air Baltic Corporation" | 6 |
| 2013/C 226/11 | Kawża C-312/13: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Curtea de Apel Alba Iulia (ir-Rumanija) fis-7 ta' Ġunju 2013 — Claudiu Roșu vs Direcția Generală a Finanțelor Publice a Județului Sibiu — Activitatea de Inspecție Fiscală | 7 |
| 2013/C 226/12 | Kawża C-313/13: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Curtea de Apel Alba Iulia (ir-Rumanija) fis-7 ta' Ġunju 2013 — Direcția Generală a Finanțelor Publice a Județului Sibiu — Activitatea de Inspecție Fiscală vs Cătălin Ienciu | 7 |
| 2013/C 226/13 | Kawża C-317/13: Rikors ippreżentat fis-7 ta' Ġunju 2013 — Il-Parlament Ewropew vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea | 7 |
| 2013/C 226/14 | Kawża C-320/13: Rikors ippreżentat fit-12 ta' Ġunju 2013 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika tal-Polonja | 8 |
| 2013/C 226/15 | Kawża C-321/13: Rikors ippreżentat fil-11 ta' Ġunju 2013 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Renju tal-Belġju | 8 |
| 2013/C 226/16 | Kawża C-322/13: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunale di Bolzano (l-Italja) fit-13 ta' Ġunju 2013 — Ulrike Elfriede Grauel Rüffer vs Katerina Pokorná | 9 |
| 2013/C 226/17 | Kawża C-327/13: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Cour d'appel de Bruxelles (il-Belġju) fis-17 ta' Ġunju 2013 — Burgo Group SpA vs Illochroma SA, fi stalċ, Jérôme Theetten, li jaġixxi bħala likwidatur tal-kumpannija Illochroma SA | 9 |
| 2013/C 226/18 | Kawża C-333/13: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Sozialgericht Leipzig (il-Ġermanja) fid-19 ta Ġunju 2013 — Elisabeta Dano, Florin Dano vs Jobcenter Leipzig | 9 |


**Il-Qorti Ġenerali**


| | | |
|---|---|---|
| 2013/C 226/19 | Kawża T-276/13: Rikors ippreżentat fil-15 ta' Mejju 2013 — Growth Energy u Renewable Fuels Association vs Il-Kunsill | 11 |


MT

*(Ikompli fuq il-qoxra ta' wara minn ġewwa)*

IV

*(Informazzjoni)*

## INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA TAL-UNJONI EWROPEA

(2013/C 226/01)

**L-Aħħar Pubblikazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea f'Il-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea***

ĠU C 215, 27.7.2013

**Pubblikazzjonijiet preċedenti**

ĠU C 207, 20.7.2013

ĠU C 189, 29.6.2013

ĠU C 178, 22.6.2013

ĠU C 171, 15.6.2013

ĠU C 164, 8.6.2013

ĠU C 156, 1.6.2013

Dawn it-testi huma disponibbli fuq:

EUR-Lex: http://eur-lex.europa.eu

V

*(Avviżi)*

# PROĊEDURI TAL-QORTI

# IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

## Talba għal opinjoni mressqa mill-Kummissjoni Ewropea skont l-Artikolu 218(11) TFUE

**(Opinjoni C-1/13)**

(2013/C 226/02)

*Lingwa tal-proċedura: il-lingwi uffiċjali kollha*

### Talba mressqa minn

Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: F. Castillo de la Torre, A.-M. Rouchaud-Joët, aġenti)

### Domanda magħmula lill-Qorti tal-Ġustizzja

L-aċċettazzjoni tal-adeżjoni ta' pajjiż terz mal-Konvenzjoni ta' Den Haag, tal-25 ta' Ottubru 1980, dwar l-aspetti ċivili tal-ħtif internazzjonali ta' minuri, taqa' taħt il-ġurisdizzjoni esklużiva tal-Unjoni?

---

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Oberster Gerichtshof (l-Awstrija) fit-8 ta' Marzu 2013 — A vs B et

**(Kawża C-112/13)**

(2013/C 226/03)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

### Qorti tar-rinviju

Oberster Gerichtshof

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrent:* A

*Konvenut:* B *et*

### Domandi preliminari

(1) Fil-każ tal-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni għal sistema proċedurali fejn, minkejja li l-qrati ordinarji li jiddeċiedu dwar il-mertu għandhom ukoll jivverifikaw l-inkostituzzjonalità tal-liġijiet, huma ma għandhomx id-dritt li jannullaw liġijiet b'mod ġenerali, li huwa rriżervat għal qorti Kostituzzjonali organizzata b'mod speċifiku, għandu jiġi dedott mill-"prinċipju ta' ekwivalenza" tad-dritt tal-Unjoni li, meta liġi tikser l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropa, il-qrati ordinarji għandhom ukoll, matul il-proċeduri, iressqu talba għall-annullament ġenerali tal-liġi quddiem il-qorti Kostituzzjonali u ma għandhomx sempliċement jonqsu milli japplikawha f'dan il-każ?

(2) L-Artikolu 47 tal-Karta għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi dispożizzjoni proċedurali li tipprevedi li qorti li ma għandhiex ġurisdizzjoni internazzjonali taħtar kuratur għal konvenut assenti għal parti fil-kawża li r-residenza tagħha ma tistax tiġi stabbilita u li dan il-kuratur jista' sussegwentement "jidher" u, b'hekk, jagħti ġurisdizzjoni internazzjonali valida lil din il-qorti?

(3) L-Artikolu 24 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001, tat-22 ta' Diċembru 2000, dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali [1] għandu jiġi interpretat fis-sens li "konvenut ikun deher" fis-sens ta' din id-dispożizzjoni unikament meta dan l-att proċedurali jitwettaq mill-konvenut stess jew minn rappreżentant legali li jkun tah mandat jew minkejja li ma teżistix limitazzjoni f'dan ir-rigward u li dan japplika wkoll meta dan l-att proċedurali jiġi eżegwit minn kuratur għal konvenut assenti maħtur skont id-dritt tal-Istat Membru?

[1] ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 4, p. 42.

---

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal Supremo (Spanja) fil-21 ta' Mejju 2013 — Elcogás, S.A. vs Administración del Estado u Iberdrola, S.A

**(Kawża C-275/13)**

(2013/C 226/04)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

### Qorti tar-rinviju

Tribunal Supremo

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Elcogás, S.A.

*Konvenuti:* Administración del Estado u Iberdrola, S.A.

**Domanda preliminari**

L-interpretazzjoni tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea kif ukoll il-ġurisprduenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea dwar din id-dispożizzjoni (b'mod partikolari s-sentenzi mogħtija fil-Kawżi C-379/98 ([1]) u C-206/06 ([2])), jippermettu li l-ammonti annwali allokati lill-kumpannija Elcogás, bħala proprjetarja ta' impjant speċifiku ta' ġenerazzjoni tal-elettriku, bis-saħħa tal-pjanijiet ta' vijabbiltà straordinarji adottati fir-rigward ta' din il-kumpannija mill-Kabinett tal-Ministri, jiġu kkunsidrati bħala "għajnuna mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi ta' l-Istat", f'ċirkustanzi fejn il-ġbir ta' dawn l-ammonti jaqa' taħt il-kategorija ġenerali ta' "spejjeż permanenti tas-sistema tal-elettriku" li huma mħallsa mill-utenti kollha u ttrasferiti lill-impriżi tas-settur tal-elettriku permezz ta' ħlasijiet suċċessivi magħmula mill-Comisión Nacional de Energía skont il-kriterji legali stabbiliti minn qabel u mingħajr ebda setgħa diskrezzjonali?

([1]) Ġabra 2001, p. I-2099.
([2]) Ġabra 2008, p. I-5497.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Juzgado de primera instancia de Palma de Mallorca (Spanja) fit-22 ta' Mejju 2013 — Barclays Bank S.A. vs Sara Sánchez García u Alejandro Chacón Barrera**

**(Kawża C-280/13)**

(2013/C 226/05)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Qorti tar-rinviju**

Juzgado de Primera Instancia de Palma de Mallorca

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Barclays Bank S.A.

*Konvenuti:* Sara Sánchez García u Alejandro Chacón Barrera

**Domandi preliminari**

(1) Id-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE ([1]), tal-5 ta' April 1993, dwar klawżoli inġusti u l-prinċipji ta' dritt Komunitarju dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi u l-ekwilibriju kuntrattwali għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu l-leġiżlazzjoni Spanjola fil-qasam ipotekarju li, minkejja li tipprevedi li l-persuna li tislef flus fuq garanzija ipotekarja tista' titlob żieda tal-garanziji meta l-valur ta' stima ta' proprjetà immobbli ipotekata jonqos bi 20 %, ma tipprevedix, fil-kuntest tal-proċedura ta' eżekuzzjoni ipotekarja, li l-komsumatur/id-debitur/il-parti li hija suġġetta għall-eżekuzzjoni tista' jitlob, wara stima li tinvolvi l-persuni kkonċernati, ir-reviżjoni ta' dan il-valur ta' stima, tal-inqas għall-finijiet previsti fl-Artikolu 671 tal-LEC ([2]), meta dan il-valur ikun żdied b'perċentwali ugwali jew ogħla bejn id-data ta' kostituzzjoni tal-ipoteka u l-eżekuzzjoni ta' din l-ipoteka?

(2) Id-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KE, tal-5 ta' April 1993, dwar klawżoli inġusti u l-prinċipji ta' dritt Komunitarju dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi u l-ekwilibriju kuntrattwali għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu s-sistema proċedurali Spanjola fil-qasam ta' eżekuzzjoni ipotekarja, li tipprevedi li l-kreditur li jitlob l-eżeukzzjoni jista' jingħata l-proprjetà immobbli ipotekata għal 50 % tal-valur ta' stima tagħha (attwalment 60 %), li jfisser penalizzazzjoni inġustifikata tal-komsumatur/debitur/parti li hija suġġetta għall-eżekuzzjoni ekwivalenti għal 50 % (attalwment 40 %) ta' dan il-valur ta' stima?

(3) Id-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KE, tal-5 ta' April 1993, dwar klawżoli inġusti u l-prinċipji ta' dritt Komunitarju dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi u l-ekwilibriju kuntrattwali għandhom jiġu interpretati fis-sens li hemm abbuż ta' dritt u arrikkiment indebitu meta, wara li ngħata l-proprjetà immobbli ipotekata għal 50 % (attwalment 60 %) tal-valur ta' stima tagħha, il-kreditur jitlob l-eżekuzzjoni għall-ammont li jkun għadu dovut sabiex jikseb ir-rimbors sħiħ tad-dejn, minkejja li l-valur ta' stima u/jew il-valur reali tal-proprjetà mogħtija huwa ogħla mis-somma totali dovuta, anki jekk tali azzjoni hija konformi mad-dritt proċedurali nazzjonali?

(4) Id-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KE tal-5 ta' April 1993, dwar klawżoli inġusti u l-prinċipji ta' dritt Komunitarju dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi u l-ekwilibriju kuntrattwali għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-għoti tal-proprjetà immobbli ipotekata li l-valur stmat u/jew reali tagħha huwa ogħla mill-ammont kollu tas-self ipotekarju jwassal għall-applikazzjoni tal-Artikolu 570 tal-LEC, li minħabba dan il-fatt iwarrab l-applikazzjoni tal-Artikoli 579 u 671 tal-LEC, u li għaldaqstant għandu jiġi kkunsidrat li l-kreditur li jitlob l-eżekuzzjoni kien tħallas l-ammont kollu?

([1]) Direttivatal-Kunsill 93/13/KE, tal-5 ta' April 1993, dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 288).
([2]) Ley de Enjuiciamiento Civil (Kodiċi ta' Proċedura Ċivili Spanjol).

---

**Appell ippreżentat fit-22 ta' Mejju 2013 minn Lord Inglewood et mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Ir-Raba' Awla) fit-13 ta' Marzu 2013 fil-Kawżi maqgħuda T-229/11 u T-276/11, Inglewood et vs Il-Parlament**

**(Kawża C-281/13 P)**

(2013/C 226/06)

*Lingwa tal-kawża:il-Franċiż*

**Partijiet**

*Appellanti:* Lord Inglewood *et* (rappreżentanti: S. Orlandi, J.-N. Louis, D. Abreu Caldas, avukati)

*Parti oħra fil-proċedura:* Il-Parlament Ewropea

## Talbiet tal-appellanti

— tiddikjara u tiddeċiedi

— l-annullament tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea (Ir-Raba' Awla) tat-13 ta' Marzu 2013, Inglewood *et* vs Il-Parlament (Kawżi maqgħuda T-229/11 u T-276/11);

— tiddeċiedi mill-ġdid, tiddikjara u tiddeċiedi:

— l-illegalità tad-deċiżjoni tal-Bureau tal-Parlament Ewropew li żżied l-età ta' rtirar minn 60 għal 63 u tneħħi l-modi speċjali ta' tgawdija tal-pensjoni, kemm fil-forma ta' pensjoni antiċipata, kif ukoll parzjalment fil-forma ta' kapital;

— l-annullament tad-deċiżjonijiet ikkontestati;

— tikkundanna lill-Parlament għall-ispejjeż taż-żewġ istanzi.

## Aggravji u argumenti prinċipali

L-appellanti jippreżentaw appell mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali, li permezz tagħha l-imsemmija Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors tagħhom li kellu bħala għan l-annullament tad-deċiżjonijiet tal-Parlament Ewropew li jirrifjutaw li jagħtuhom il-benefiċċju tal-pensjoni addizzjonali volontarja, kemm b'mod antiċipat, kemm fl-età ta' 60 sena, kif ukoll parzjalment fil-forma ta' kapital.

Fl-ewwel lok, l-appellanti jinvokaw żball ta' liġi mwettaq mill-Qorti Ġenerali, fis-sens li d-deċiżjonijiet appellati jiksru d-drittijiet tagħhom kweżiti jew li għad iridu jiġu likwidati skont il-kundizzjonijiet stabbiliti u aċċettati fil-mument tad-dħul tagħhom fis-servizz.

Fit-tieni lok, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' dritt billi injorat il-motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 27(2) tal-Istatut tad-Deputati, minkejja li din id-dispożizzjoni kienet tispeċifika li d-drittijiet kweżiti jew fil-proċess li jiġu kweżiti għandhom jinżammu. Id-deċiżjoni tal-1 ta' April 2009 toħloq fil-fatt dannu għad-drittijiet kweżiti tal-appellanti, jiġifieri għad-drittijiet li jitolbu pensjoni antiċipata jew li jippreferu li jibbenefikaw minnha meta jagħlqu 60 sena jew li jibbenefikaw minnha, jekk ikun il-każ, parzjalment fil-forma ta' kapital.

Fit-tielet lok, il-Qorti Ġenerali wettqet ukoll żball ta' liġi meta ddeċidiet li l-Istatut tad-Deputati ma kienx applikabbli għaliex daħal fis-seħħ wara d-deċiżjoni ta' portata ġenerali tal-1 ta' April 2009, filwaqt li d-deċiżjonijiet individwali suġġett għar-rikorsi kienu ttieħdu wara din id-data.

Fir-raba' lok, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ċaħdet il-motiv ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament minkejja li l-appellanti setgħu leġittimament jistennew li ser jibbenefikaw mill-pensjoni tagħhom, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti u applikati matul parti sostanzjali tal-ħlas tal-kontribuzzjonijiet tagħhom jew sal-jum tal-waqfa ta' ħidmithom, speċjalment dawk li bbenefikaw mir-regoli ta' deroga, jiġifieri dawk li għandhom s'issa jaħdmu jew li kienu għalqu 60 sena qabel id-dħul fis-seħħ, fl-14 ta' Lulju 2009, tad-deċiżjoni tal-1 ta' April 2009.

Fl-aħħar lok, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ċaħdet il-motiv ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità wara li kkonstatat li biss 10 % tal-imsieħba qed ibatu l-konsegwenzi tal-kriżi finanzjarja u l-effetti previżibbli ta' fond ikkostitwit b'mod temporanju, mistenni li jisparixxi.

---

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mil-Landgericht Darmstadt (il-Ġermanja) fit-28 ta' Mejju 2013 — Rechtsanwalt H (amministratur ta' proċedura ta' falliment ta' G.T. GmbH) vs H. K.

**(Kawża C-295/13)**

(2013/C 226/07)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

### Qorti tar-rinviju

Landgericht Darmstadt

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrenti:* Rechtsanwalt H (amministratur ta' proċedura ta' falliment dwar l-assi ta' G.T. GmbH)

*Konvenuta:* H. K.

### Domandi preliminari

dwar l-interpretazzjoni tal-Artikoli 1(2)(b) u 5(1)(a) u (b) kif ukoll 5(3) tal-Konvenzjoni dwar il-ġuriżdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali [1] (il-"Konvenzjoni ta' Lugano II") u tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1346/2000, tad-29 ta' Mejju 2000, dwar proċedimenti ta' falliment [2] (ir-"Regolament Nru 1346/2000"):

(1) Il-qrati tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu nbdiet il-proċedura ta' insolvenza li tikkonċerna l-patrimonju tad-debitriċi għandhom ġurisdizzjoni sabiex jiddeċiedu dwar azzjoni mressqa mill-amministratur tal-proċedura ta' falliment kontra d-direttur tad-debitriċi għall-ħlas lura ta' pagamenti li saru wara li l-kumpannija saret insolventi jew wara li ġie kkonstatat dejn eċċesiv tal-kumpannija?

(2) Il-qorti tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu nbdiet il-proċedura ta' insolvenza li tikkonċerna l-patrimonju tad-debitriċi għandha ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi dwar azzjoni mressqa mill-amministratur tal-proċedura ta' falliment kontra d-direttur tad-debitriċi għall-ħlas lura ta' pagamenti li saru wara li l-kumpannija saret insolventi jew wara li ġie kkonstatat dejn eċċesiv tal-kumpannija, fil-każ li d-direttur ma huwiex iddomiċiljat fi Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea, iżda fi Stat li huwa parti kontraenti mill-Konvenzjoni ta' Lugano II?

(3) L-azzjoni msemmija fl-ewwel domanda taqa' taħt l-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 1346/2000?

(4) Jekk l-azzjoni msemmija fl-ewwel domanda ma taqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 1346/2000 jew jekk il-ġurisdizzjoni tal-qorti ma testendix f'dan ir-rigward għal direttur iddomiċiljat fi Stat li huwa parti kontraenti mill-Konvenzjoni ta' Lugano II:

hemm għalhekk inkwistjoni kawża ta' falliment fis-sens tal-Artikolu 1(2)(b) tal-Konvenzjoni ta' Lugano II?

(5) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għar-raba' domanda:

(a) Il-qorti tal-Istat Membru li fih id-debitriċi għandha s-sede tagħha għandha ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi dwar azzjoni bħal dik imsemmija fl-ewwel domanda skont l-Artikolu 5(1)(a) tal-Konvenzjoni ta' Lugano II?

(i) L-azzjoni msemmija fl-ewwel domanda taqa' taħt materji kuntrattwali fis-sens tal-Artikolu 5(1)(a) tal-Konvenzjoni ta' Lugano II?

(ii) L-azzjoni msemmija fl-ewwel domanda taqa' taħt kuntratt ta' provvista ta' servizzi fis-sens tal-Artikolu 5(1)(b) tal-Konvenzjoni ta' Lugano II?

b) L-azzjoni msemmija fl-ewwel domanda taqa' taħt materji delittwali jew kważi-delittwali fis-sens tal-Artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni ta' Lugano II?

---

([1]) ĠU 2009, L 147, p. 5.
([2]) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 1, p. 191.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Cour constitutionnelle (il-Belġju) fit-30 ta' Mejju 2013 — Isabelle Gielen vs Conseil des ministres**

**(Kawża C-299/13)**

(2013/C 226/08)

*Lingwa tal-kawża: l-Olandiż*

**Qorti tar-rinviju**

Cour constitutionnelle (il-Belġju)

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Isabelle Gielen

*Konvenut:* Conseil des ministres

**Domanda preliminari**

L-Artikolu 5(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 2008/7/KE ([1]), tat-12 ta' Frar 2008, dwar it-taxxi indiretti fuq il-ġbir tal-kapital, għandu jiġi interpretat fis-sens li huwa jipprekludi l-ġbir ta' taxxa fuq konverżjoni ta' titoli ta' possessjoni f'titoli nominativi jew f'titoli żmaterjalizzati (mhux f'forma kartaċea) imposta bil-liġi u, f'każ ta' risposta fl-affermattiv, tali taxxa tista' tiġi ġġustifikata abbażi tal-Artikolu 6 tad-direttiva ċċitata iktar 'il fuq?

---

([1]) ĠU L 46, p. 11.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal Superior de Justicia de la Comunidad Valenciana (Spanja) fit-30 ta' Mejju 2013 — Ayuntamiento de Benferri vs Consejería de Infraestructuras y Transporte, Iberdrola Distribución Eléctrica SAU**

**(Kawża C-300/13)**

(2013/C 226/09)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Qorti tar-rinviju**

Tribunal Superior de Justicia de la Comunidad Valenciana, Sala de lo Contencioso-Administrativo, Sección 1

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Ayuntamiento de Benferri

*Konvenuti:* Consejería de Infraestructuras y Transporte, Iberdrola Distribución Eléctrica SAU

**Domandi preliminari**

(1) Il-kunċett ta' "[i]l-bini ta' kejblijiet ta' l-elettriku fil-għoli b'voltaġġ ta' 220 kV jew iktar u tul ta' iktar minn 15-il km" li jinsab fil-punt 20 tal-Anness I tad-Direttiva 85/337 ([1]), kif emendata bid-Direttiva 97/11, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-uniċi installazzjonijiet elettriċi li dan ikopri huma l-kejblijiet tal-elettriku fil-għoli li jilħqu dawn iż-żewġ limiti?

(2) Il-kunċett ta' "[…] it-trasmissjoni ta' l-enerġija elettrika permezz ta' kejblijiet fil-għoli" li jinsab fil-punt 3(b) tal-Anness II tad-Direttiva 85/337, kif emendata bid-Direttiva 97/11 ([2]), għandu jiġi interpretat fis-sens li l-uniċi installazzjonijiet ta' trażmissjoni ta' enerġija elettrika li dan ikopri huma l-kejblijiet fil-għoli? Fil-każ ta' risposta negattiva:

(3) Il-kunċett ta' "[…] it-trasmissjoni ta' l-enerġija elettrika permezz ta' kejblijiet fil-għoli" li jinsab fil-punt 3(b) tal-Anness II tad-Direttiva 85/337 għandu jiġi interpretat fis-sens li dan ikopri s-substazzjonijiet ta' trasformazzjoni?

(4) Il-kunċett ta' "[…] it-trasmissjoni ta' l-enerġija elettrika permezz ta' kejblijiet fil-għoli" li jinsab fil-punt 3(b) tal-Anness II tad-Direttiva 85/337 għandu jiġi interpretat fis-sens li dan ikopri s-substazzjonijiet ta' trasformazzjoni, minkejja li l-bini jew l-estensjoni tagħhom iseħħ permezz ta' proġett li ma jinkludix il-bini ta' kejbil fil-għoli?

([1]) Direttiva tal-Kunsill 85/337/KEE, tas-27 ta' Ġunju 1985, dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 1, p. 248).

([2]) Direttiva tal-Kunsill 97/11/KE, tat-3 ta' Marzu 1997, li temenda d-Direttiva 85/337/KEE dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 3, p. 151).

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Augstākās tiesas Senāts (il-Latvja) fit-3 ta' Ġunju 2013 — AS "flyLAL-Lithuanian Airlines", fi stralċ vs VAS "Starptautiskā lidosta 'Rīga'" u AS "Air Baltic Corporation"**

**(Kawża C-302/13)**

(2013/C 226/10)

*Lingwa tal-kawża: il-Latvjan*

**Qorti tar-rinviju**

Augstākās tiesas Senāts

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* AS "flyLAL-Lithuanian Airlines", fi stralċ

*Konvenuti:* VAS "Starptautiskā lidosta 'Rīga'" u AS "Air Baltic Corporation"

**Domandi preliminari**

(1) Kawża li fiha rikorrent jitlob il-kumpens għad-danni u r-rikonoxximent tan-natura illegali tal-aġir tal-konvenuti, f'konnessjoni ma' ftehim ipprojbit u ma' abbuż minn pożizzjoni dominanti u bbażat fuq l-applikazzjoni ta' atti regolatorji ta' portata ġenerali ta' Stat Membru ieħor, għandha titqies bħala kawża ċivili jew kummerċjali fis-sens tar-Regolament [(KE) Nru°44/2001 ([1]), iktar 'il quddiem ir-"Regolament"], fid-dawl tal-fatt li l-ftehim ipprojbit kien null u ineżistenti fil-mument li ġie konkluż, iżda wkoll tal-fatt li l-adozzjoni ta' atti regolatorji hija attività eżerċitata mill-Istat fil-qasam tad-dritt pubbliku (*acta iure imperii*), li għaliha tapplika l-immunità ġudizzjarja tal-Istat fir-rigward tal-qrati ta' Stat ieħor?

(2) F'każ ta' risposta fl-affermattiv għad-domanda 1 (il-kawża hija ċivili jew kummerċjali fis-sens tar-Regolament), l-azzjoni "għad-danni" għandha titqies bħala proċedura li għandha bħala għan il-validità tad-deċiżjonijet ta' organi ta' kumpanniji fis-sens tal-Artikolu 22(2) tal-imsemmi regolament, fatt li jippermetti li deċiżjoni ma tiġix rikonoxxuta skont l-Artikolu 35(1) tiegħu?

(3) Jekk l-għan tar-rikors għad-danni jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 22(2) (ġurisdizzjoni esklużiva) tar-Regolament, il-qorti tal-Istat li fih qed jintalab ir-rikonoxximent hija obbligata tivverifika l-eżistenza taċ-ċirkustanzi msemmija fl-Artikolu 35(1) tar-Regolament, fil-każ tar-rikonoxximent ta' sentenza li tadotta miżuri kawtelatorji?

(4) Il-klawżola ta' ordni pubbliku li tinsab fl-Artikolu 34(1) tar-Regolament tista' tinftiehem fis-sens li r-rikonoxximent ta' sentenza li tadotta miżuri kawtelatorji tmur kontra l-ordni pubbliku tal-Istat Membru, jekk, l-ewwel nett, l-argument prinċipali insostenn tal-adozzjoni ta' miżuri kawtelatorji huwa l-ammont kunsiderevoli tas-somma indikata fir-rikors, li ma kinitx suġġetta għal kalkolu motivat u sostnut minn argumenti u, it-tieni nett, jekk ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' din id-deċiżjoni jista' jfisser, għall-konvenuti, telf li dawn ma jkollhomx il-possibbiltà, fil-każ ta' ċaħda tal-azzjoni"għad-danni", li jirkupraw mingħand ir-rikorrenti, kumpannija kummerċjali fi stralċ, fatt li finalment iwassal għal preġudizzju fir-rigward tal-interessi ekonomiċi u għal-daqstant jhedded is-sigurtà tal-Istat li fih qed jintalab ir-rikonoxximent, fid-dawl tal-fatt li r-Repubblika tal-Latvja għandha 100 % tal-azzjonijiet ta' Lidosta "Rīga" u 52.6 % ta' dawk ta' AS"Air Baltic Corporation"?

([1]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru°44/2001, tat-22 ta' Diċembru 2000, dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 4, p. 42).

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Curtea de Apel Alba Iulia (ir-Rumanija) fis-7 ta' Ġunju 2013 — Claudiu Roșu vs Direcția Generală a Finanțelor Publice a Județului Sibiu — Activitatea de Inspecție Fiscală**

**(Kawża C-312/13)**

(2013/C 226/11)

*Lingwa tal-kawża: ir-Rumen*

**Qorti tar-rinviju**

Curtea de Apel Alba Iulia

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Claudiu Roșu

*Konvenuta:* Direcția Generală a Finanțelor Publice a Județului Sibiu — Activitatea de Inspecție Fiscală

**Domanda preliminari**

Fil-każ li l-bejjiegħ ikun ġie kklassifikat mill-ġdid bħala persuna taxxabbli għall-finijiet tal-VAT u l-korrispettiv (il-prezz) għat-trasferiment tal-proprjetà immobbli jkun ġie stabbilit mill-partijiet, mingħajr ebda riferiment għall-VAT, l-Artikoli 73 u 78 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE ([1]) għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-valur taxxabbli huwa kkostitwit:

(a) mill-korrispettiv (il-prezz) tat-trasferiment tal-proprjetà immobbli stabbilit mill-partijiet bi tnaqqis tar-rata tal-VAT, jew

(b) mill-korrispettiv (il-prezz) tat-trasferiment tal-proprjetà immobbli miftiehem mill-partijiet.

([1]) Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, p. 1).

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Curtea de Apel Alba Iulia (ir-Rumanija) fis-7 ta' Ġunju 2013 — Direcția Generală a Finanțelor Publice a Județului Sibiu — Activitatea de Inspecție Fiscală vs Cătălin Ienciu**

**(Kawża C-313/13)**

(2013/C 226/12)

*Lingwa tal-kawża: ir-Rumen*

**Qorti tar-rinviju**

Curtea de Apel Alba Iulia

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Direcția Generală a Finanțelor Publice a Județului Sibiu — Activitatea de Inspecție Fiscală

*Konvenuta:* Cătălin Ienciu

**Domanda preliminari**

Meta l-bejjiegħ ta' proprjetà immobbli jiġi kklassifikat mill-ġdid bħala persuna taxxabbli li għandha tħallas il-VAT u meta l-partijiet stabbilew il-korrispettiv (il-prezz) tal-kunsinna ta' din il-proprjetà mingħajr ma semmew il-VAT, l-Artikoli 73 u 78 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE ([1]) għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-valur taxxabbli huwa kompost:

(a) mill-korrispettiv (il-prezz) tal-kunsinna tal-proprjetà li ġie stabbilit mill-partijiet wara t-tnaqqis tar-rata tal-VAT jew

(b) mill-korrispettiv (il-prezz) tal-kunsinna tal-proprjetà li ġie miftiehem mill-partijiet?

([1]) Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, p. 1).

**Rikors ippreżentat fis-7 ta' Ġunju 2013 — Il-Parlament Ewropew vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea**

**(Kawża C-317/13)**

(2013/C 226/13)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: F. Drexler, A. Caiola, u M. Pencheva, aġenti)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**Talbiet**

— tannulla d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/129/UE, tas-7 ta' Marzu 2013, li tissottoponi lill-4-metilamfetammina għal miżuri ta' kontroll ([1]);

— iżżomm l-effetti tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/129/UE, sal-mument fejn din tiġi ssostitwita permezz ta' att ġdid debitament adottat;

— tikkundanna lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Preliminarjament, il-Parlament ifakkar li l-preambolu tad-deċiżjoni kkontestata jagħmel riferiment għall-bażijiet legali li ġejjin: l-Artikolu 8(3) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/387/ĠAI, tal-10 ta' Mejju 2005, dwar l-iskambju ta' informazzjoni, il-valutazzjoni tar-riskju u l-kontroll fuq sustanzi psikoattivi ġodda ([2]) u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Minn dan, il-Parlament jiddeduċi li, b'mod impliċitu, il-Kunsill qiegħed jirreferi għall-Artikolu 34(2)(ċ) tal-ex Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

Il-Parlament jinvoka żewġ motivi insostenn tar-rikors tiegħu għal annullament.

Fl-ewwel lok, il-Parlament isostni li l-Kunsill ibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq bażi legali — l-Artikolu 34(2)(ċ) UE — li ilha li tħassret sa mid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona. Għaldaqstant, id-deċiżjoni kkontestata saret ibbażata biss fuq id-Deċiżjoni 2005/387/ĠAI. Din tal-aħħar tikkostitwixxi bażi legali dderivata u għaldaqstant hija illegali.

Fit-tieni lok, u fid-dawl ta' dak li nqal iktar 'il fuq, il-Parlament iqis li l-proċedura deċiżjonali tbati minn ksur tal-forom proċedurali sostanzjali. Minn naħa, jekk l-Artikolu 34(2)(ċ) UE kien applikabbli, il-Parlament kellu jiġi kkonsultat qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, u dan skont l-Artikolu 39(1)(UE). Issa, il-Parlament isostni li dan ma kienx il-każ. Min-naħa l-oħra, li kieku wieħed kellu jqis li d-dispożizzjonijiet applikabbli huma dawk li jirriżultaw mit-Trattat ta' Lisbona, il-Parlament kellu jkun assoċjat mal-proċedura leġiżlattiva abbażi tal-Artikolu 83(1) TFUE. Sew fl-ewwel każ kif ukoll fit-tieni, billi l-Parlament ma ġiex involut fl-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, din id-deċiżjoni tbati minn ksur ta' forom proċedurali sostanzjali.

Fl-aħħar nett, fl-ipoteżi fejn il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li tannulla d-deċiżjoni kkontestata, il-Parlament iqis li, skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 264 TFUE, hemm lok li l-effetti tad-deċiżjoni kkontestata jinżammu sal-mument fejn din tiġi ssostitwita permezz ta' att ġdid debitament adottat.

---

([1]) ĠU L 72, p. 11.
([2]) ĠU L 164M, p. 30.

---

## Rikors ippreżentat fit-12 ta' Ġunju 2013 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika tal-Polonja

**(Kawża C-320/13)**

(2013/C 226/14)

*Lingwa tal-kawża: il-Pollakk*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: P. Hetsch u K. Herrmann, aġenti)

*Konvenuta:* Ir-Repubblika tal-Polonja

**Talbiet**

— tikkonstata li billi ma adottatx il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi kollha neċessarji sabiex tikkonforma ruħha mad-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-23 ta' April 2009, dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi 2001/77/KE u 2003/30/KE ([1]), jew fi kwalunkwe każ billi ma kkomunikatx dawn id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni, ir-Repubblika tal-Polonja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 27(1) tal-imsemmija direttiva;

— timponi fuq ir-Repubblika tal-Polonja, skont l-Artikolu 260(3) TFUE, il-ħlas ta' pagamenti ta' penalità ta' ammont ta' EUR 133 222,80 li jibdew jiddekorru mill-jum tad-data li tinqata' din is-sentenza għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu li tikkomunika l-miżuri ta' traspożizzjoni tad-Direttiva 2009/28/KE;

— tikkundanna lir-Repubblika tal-Polonja għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

It-terminu għat-traspożizzjoni tad-Direttiva 2009/28/KE skada fil-5 ta' Diċembru 2010.

---

([1]) ĠU L 140, p. 16.

---

## Rikors ippreżentat fil-11 ta' Ġunju 2013 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Renju tal-Belġju

**(Kawża C-321/13)**

(2013/C 226/15)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Hottiaux u N. Yerrell, aġenti)

*Konvenut:* Ir-Renju tal-Belġju

**Talbiet tar-rikorrenti**

— tikkonstata li, billi ma adottax il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex jittrasponi d-Direttiva tal-Kummissjoni 2010/61/UE, tat-2 ta' Settembru 2010, li tadatta għall-ewwel darba l-Annessi għad-Direttiva 2008/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trasport intern ta' oġġetti perikolużi għall-progress tekniku u xjentifiku ([1]) jew, fi kwalunkwe każ, billi ma kkomunikahomx lill-Kummissjoni, ir-Renju tal-Belġju naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu skont l-Artikolu 2(1) ta' din id-direttiva;

— tikkundanna lir-Renju tal-Belġju għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

It-terminu għat-traspożizzjoni tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2010/61/UE, tat-2 ta' Settembru 2010, skada fit-30 ta' Ġunju 2011.

---

([1]) ĠU L 233, p. 27.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunale di Bolzano (l-Italja) fit-13 ta' Ġunju 2013 — Ulrike Elfriede Grauel Rüffer vs Katerina Pokorná**

**(Kawża C-322/13)**

(2013/C 226/16)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Tribunale di Bolzano

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Ulrike Elfriede Grauel Rüffer

*Konvenuta:* Katerina Pokorná

**Domanda preliminari**

L-interpretazzjoni tal-Artikoli 18 u 21 TFUE tipprekludi l-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet legali nazzjonali bħal dawk li huma s-suġġett tal-kawża prinċipali, li jikkonferixxu d-dritt li tintuża l-lingwa Ġermaniża fil-kawżi ċivili li jitressqu quddiem il-qrati tal-provinċja ta' Bolzano biss lil ċittadini Taljani ddomiċiljati fl-imsemmija muniċipalità, bl-esklużjoni ta' ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni, irrispettivament minn jekk jirrisjedux jew le f'din il-muniċipalità?

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Cour d'appel de Bruxelles (il-Belġju) fis-17 ta' Ġunju 2013 — Burgo Group SpA vs Illochroma SA, fi stalċ, Jérôme Theetten, li jaġixxi bħala likwidatur tal-kumpannija Illochroma SA**

**(Kawża C-327/13)**

(2013/C 226/17)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Qorti tar-rinviju**

Cour d'appel de Bruxelles

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Burgo Group SpA

*Konvenuta:* Illochroma SA, fi stalċ, Jérôme Theetten, li jaġixxi bħala likwidatur tal-kumpannija Illochroma SA

**Domandi preliminari**

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1346/2000 [tad-29 ta' Mejju 2000] dwar proċedimenti ta' falliment ([1]), b'mod partikolari fl-Artikoli 3, 16, 27, 28 u 29 tiegħu għandu jiġi interpretat fis-sens li:

(a) "stabbiliment" imsemmi fl-Artikolu 3(2) għandu jinftiehem bħala fergħa tad-debitur li nfetħu kontrih il-proċedimenti prinċipali u jipprekludi li, fil-kuntest tal-istralċ fl-istess waqt ta' diversi kumpanniji li jagħmlu parti mill-istess grupp, dawn jistgħu jkunu s-suġġett ta' proċedimenti sekondarji fl-Istat Membru li fih huma għandhom l-uffiċċju prinċipali tagħhom, għaliex għandhom personalità ġuridika?

(b) il-persuna jew awtorità li tista' titlob il-ftuħ ta' proċedimenti sekondarji għandu jkollha d-domiċilju jew l-uffiċċju prinċipali tagħha fit-territorju tal-qorti tal-Istat Membru li quddiemha jintalbu dawn il-proċedimenti jew dan id-dritt għandu jiġi rriżervat għaċ-ċittadini kollha tal-Unjoni, sakemm juru l-eżistenza ta' rabta legali mal-istabbiliment ikkonċernat?

(c) ladarba l-proċedimenti prinċipali ta' falliment huma proċedimenti ta' stralċ, il-ftuħ ta' proċedimenti sekondarji ta' falliment ta' stabbiliment jista' jiġi ordnat biss jekk jissodisfa kriterji ta' espedjenza li jitħallew għall-evalwazzjoni tal-qorti tal-Istat Membru li quddiemha jitressqu l-proċedimenti sekondarji?

---

([1]) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 1, p. 191.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Sozialgericht Leipzig (il-Ġermanja) fid-19 ta Ġunju 2013 — Elisabeta Dano, Florin Dano vs Jobcenter Leipzig**

**(Kawża C-333/13)**

(2013/C 226/18)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Sozialgericht Leipzig

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Elisabeta Dano, Florin Dano

*Konvenut:* Jobcenter Leipzig

**Domandi preliminari**

(1) Persuni li ma jitolbux benefiċċji tal-liġi ta' sigurtà soċjali jew benefiċċji tal-familja skont l-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 ([1]) iżda pjuttost benefiċċji mhux kontributorji skont l-Artikolu 3(3) u l-Artikolu 70 tar-Regolament, jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni *ratione personae* tal-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 883/2004?

(2) Jekk ir-risposta li tingħata għall-ewwel domanda tkun fl-affermattiv: L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 jipprekludi Stati Membri, bil-għan li jevitaw li jkun hemm rikors irraġonevoli għal benefiċċji ta' sigurtà soċjali mhux kontributorji skont l-Artikolu 70 tar-Regolament, li jiggarantixxu livell ta'għajxien, milli jeskludu kompletament jew parzjalment ċittadini tal-Unjoni fil-bżonn milli jirrikorru għal dawn il-benefiċċji li huma pprovduti liċ-ċittadini tagħhom stess li jkunu fl-istess sitwazzjoni?

(3) Jekk ir-risposta għall-ewwel jew għat-tieni domanda tkun fin-negattiv: L-Artikolu 18 TFUE u/jew il-punt a tat-tieni sentenza tal-Artikolu 20(2) TFUE flimkien mat-tielet sentenza tal-Artikolu 20(2) TFUE u l-Artikolu 24(2) tad-Direttiva 2004/38/KE ([2]), jipprekludi Stati Membri, bil-għan li jevitaw li jkun hemm rikors irraġonevoli għal benefiċċji ta' sigurtà soċjali mhux kontributorji skont l-Artikolu 70 tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 li jiggarantixxu livell ta' għajxien, milli jeskludu kompletament jew parzjalment ċittadini tal-Unjoni Ewropea fil-bżonn milli jirrikorru għal dawn il-benefiċċji li huma pprovduti liċ-ċittadini tagħhom stess li huma fl-istess sitwazzjoni?

(4) Jekk, skont ir-risposti għad-domandi iktar 'il fuq, l-esklużjoni parzjali tal-benefiċċji li jiggarantixxu livell ta' għajxien tikkonforma mad-dritt tal-Unjoni: l-għoti ta' benefiċċji mhux kontributorji li jiggarantixxu livell ta' għajxien liċ-ċittadini tal-Unjoni, għajr f'każijiet ta' emerġenza akuta, jista' jiġi limitat għall-fondi neċessarji għar-ritorn tal-Istat tal-oriġini tagħhom jew l-Artikoli 1, 20 u 51 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali jeżiġu iktar benefiċċji li jagħtu l-possibbiltà ta' residenza permanenti?

([1]) Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' April 2004, dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 5, p. 72).

([2]) Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' April 2004, dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri u li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 5, p. 46).

# IL-QORTI ĠENERALI

**Rikors ippreżentat fil-15 ta’ Mejju 2013 — Growth Energy u Renewable Fuels Association vs Il-Kunsill**

**(Kawża T-276/13)**

(2013/C 226/19)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

## Partijiet

*Rikorrenti:* Growth Energy (Washington, l-Istati Uniti), Renewable Fuels Association (Washington, l-Istati Uniti) (rappreżentant: P. Vander Schueren, avukat)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

## Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla r-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 157/2013, tat-18 ta’ Frar 2013, li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet tal-bijoetanol li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerika (ĠU L 49, p. 10), sa fejn dan jaffettwa lir-rikorrenti u lill-membri tagħhom; u

— tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż ta’ dawn il-proċeduri sostnuti mir-rikorrenti.

## Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw għaxar motivi.

(1) L-ewwel motiv ibbażat fuq il-fatt li l-Kummissjoni aġixxiet b’mod kuntrarju għar-Regolament bażiku, peress li hija għażlet dazju aplikabbli għal pajjiż sħiħ u rrifjutat li tikkalkola dazju tad-dumping individwali, u dan minkejja l-fatt li hija kellha l-informazzjoni kollha li kellha bżonn sabiex tagħmel dan. F’dan ir-rigward, ir-rikorrenti josservaw li l-Kummissjoni wettqet żball manifest ta’ evalwazzjoni tal-fatti rilevanti, żball ta’ liġi, naqset milli tagħti r-raġunijiet għall-konklużjonijiet tagħha, kisret id-dmir tagħha ta’ kura u kisret id-drittijiet tad-difiża kif ukoll il-prinċipju ta’ ċertezza legali u ta’ aspettattivi leġittimi tar-rikorrenti.

(2) It-tieni motiv ibbażat fuq il-fatt li n-nuqqas, min-naħa tal-Kummissjoni, milli taġġusta l-prezz tal-esportazzjoni meta kkalkolat il-marġni tad-dumping, u dan billi ma għamlitx aġġustament ’il fuq fir-rigward tal-prezzijiet tal-esportazzjoni għal taħlitiet tal-blender ikkonċernat, jikkostitwixxi żball manifest ta’ evalwazzjoni tal-fatti rilevanti u żball ta’ liġi.

(3) It-tielet motiv ibbażat fuq żball manifest, min-naħa tal-Kummissjoni, fl-evalwazzjoni tal-fatti rilevanti u fuq ksur, min-naħa tagħha, tar-Regolament bażiku u tal-prinċipju ta’ nondiskriminazzjoni billi stmat il-volum tal-importazzjonijiet tal-bijoetanol mill-Istati Uniti iktar milli suppost u billi ma ttrattatx lil dawn l-imprtazzjonijiet b’mod simili għal importazzjonijiet tal-istess prodott minn pajjiżi terzi.

(4) Ir-raba’ motiv ibbażat fuq żball manifest ta’ evalwazzjoni u ksur tar-Regolament bażiku, min-naħa tal-Kummissjoni, meta wettqet kalkoli tal-marġni tal-ħsara.

(5) Il-ħames motiv ibbażat fuq żbalji manifesti ta’ evalwazzjoni u ksur tar-Regolament bażiku, min-naħa tal-Kummissjoni, meta bbażat id-determinazzjoni tal-marġni tal-ħsara fuq industrija tal-Unjoni li ma timmanifatturax prodott simili u billi ddefinixxiet l-industrija tal-Unjoni qabel ma ddefinixxiet il-prodott simili.

(6) Is-sitt motiv ibbażat fuq vizzju tar-Regolament ikkontestat u dan bħala riżultat ta’ żbalji manifesti ta’ evalwazzjoni u żbalji ta’ liġi peress li l-ħsara materjali li huwa jipprovdi għaliha hija ddeterminata fuq data li tappartjeni għal kampjun mhux rappreżentattiv ta’ produtturi tal-Unjoni.

(7) Is-seba’ motiv ibbażat fuq żball manifest ta’ evalwazzjoni, min-naħa tal-Kummissjoni, billi kkonkludiet li kawżi oħra ta’ ħsara materjali ma jiksrux ir-rabta kawżali bejn l-importazzjonjiet immirati u l-ħsara allegata lill-industrija tal-Unjoni.

(8) It-tmien motiv ibbażat fuq żball ta’ liġi u ksur tal-prinċipju ta’ proporzjonalità, min-naħa tal-Kunsill, billi adotta miżura ta’ dumping li ma kinitx neċessarja.

(9) Id-disa’ motiv ibbażat fuq żbalji ta’ liġi u ksur tal-prinċipji ta’ amministrazzjoni tajba u ta’ nondiskriminazzjoni, min-naħa tal-Kummissjoni, billi qieset li l-investigazzjoni dwar il-bijoetanol li joriġina mill-Istati Uniti kienet ibbażata fuq ilment adegwat, meta dan tal-aħħar ma kienx jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti mir-Regolament bażiku.

(10) L-għaxar motiv ibbażat fuq ksur multipli, min-naħa tal-Kummissjoni, tad-drittijiet tad-difiża tar-rikorrenti u fuq

nuqqas, ukoll min-naħa tal-Kummissjoni, li tagħti raġunijiet fl-adozzjoni tar-Regolament ikkontestat, peress li l-iżvelar definittiv li fuqu dan huwa bbażat ma kienx jinkudi fatti u kunsiderazzjonijiet essenzjali għall-adozzjoni tal-miżuri definittivi. Il-Kummissjoni bidlet ukoll il-perijodu ta' validità tal-miżuri mingħajr ma tat raġunjijiet filwaqt li ma ppermettietx lir-rikorrenti jaċċedu l-fajl mhux kunfidenzjali fi żmien utli u lanqas ma tat biżżejjed ħin sabiex ir-rikorrenti jissottomettu kummenti dwar l-iżvelar definittiv.

---

**Rikors ippreżentat fil-15 ta' Mejju 2013 — Marquis Energy vs Il-Kunsill**

**(Kawża T-277/13)**

(2013/C 226/20)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Marquis Energy LLC (Hennepin, l-Istati Uniti) (rappreżentant: P. Vander Schueren, avukat)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 157/2013, tat-18 ta' Frar 2013, li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet tal-bijoetanol li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerika (ĠU L 49, p. 10), as fejn tikkonċerna lir-rikorrenti; u

— tordna lill-Kunsill iħallas l-ispejjeż sostnuti mir-rikorrenti

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka għaxar motivi.

(1) L-ewwel motiv jallega li l-Kummissjoni aġixxiet bi ksur tar-Regolament Bażiku, għaliex għażlet dazju fuq il-livell nazzjonali u rrifjutat li tikkalkula dazju dumping individwali, minkejja li kellha l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tagħmel dan. F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti tosserva li l-Kummissjoni wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni tal-fatti rilevanti, żball ta' liġi, naqset milli tipprovdi raġunijiet għall-konklużjonijiet tagħha, kisret id-dmir ta' premura u kisret id-drittijiet tad-difiża kif ukoll il-prinċipju ta' ċertezza legali u l-aspettattivi leġittimi tar-rikorrenti.

(2) It-tieni motiv jallega lin-nuqqas tal-Kummissjoni milli taġġusta l-prezz ta' esportazzjoni meta kkalkolat il-marġni tad-dumping, billi ma għamlitx aġġustament għaż-żieda tal-prezzijiet ta' esportazzjoni għall-blend tal-blender ikkonċernat, u dan jikkostitwixxi żball manifest fl-evalwazzjoni tal-fatti rilevanti u żball ta' liġi.

(3) It-tielet motiv jallega li l-Kummissjoni wettqet żball manifest tal-fatti rilevanti u kisret ir-Regolament Bażiku u l-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni billi sopraevalwat il-volum ta' bijoetanol importat mill-Istati Uniti u billi ma kkunsidratx dawn l-importazzjonijiet bl-istess mod bħal importazzjonijiet tal-istess prodott minn pajjiżi terzi.

(4) Ir-raba' motiv jallega li l-Kummissjoni wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni u kisret ir-Regolament Bażiku meta wettqet il-kalkoli tal-marġni ta' dannu.

(5) Il-ħames motiv jallega li l-Kummissjoni wettqet żbalji manifesti ta' evalwazzjoni u kisret ir-Regolament Bażiku billi bbażat id-determinazzjoni tad-danni materjali tagħha fuq industrija tal-Unjoni li ma tipproduċiex prodott simili u billi ddefinit l-industrija tal-Unjoni qabel ma ddefinit il-prodott simili.

(6) Is-sitt motiv jallega li r-regolament ikkontestat huwa vvizzjat minn żbalji manifesti ta' evalwazzjoni u żbalji ta' liġi peress li d-dannu materjali li hija tipprovdi għalih huwa ddeterminat fuq data ta' kampjun mhux rappreżentattiv ta' produtturi tal-Unjoni.

(7) Is-seba' motiv jallega li l-Kummissjoni wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni billi kkonkludiet li kawżi oħra ta' dannu materjali ma jiksrux ir-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet immirati u l-allegat dannu għall-industrija tal-Unjoni.

(8) It-tmien motiv jallega li l-Kunsill wettaq żball ta' liġi u kiser il-prinċipju ta' proporzjonalità billi adotta miżura antidumping li ma hijiex meħtieġa.

(9) Id-disa' motiv jallega li l-Kummissjoni wettqet żbalji ta' liġi u kisret il-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba u nondiskriminazzjoni billi qieset li l-investigazzjoni dwar il-bijoetanol ta' oriġini mill-Istati Uniti kienet ibbażata fuq ilment xieraq, meta dan tal-aħħar ma jissodisfax ir-rekwiżiti stabbiliti mir-Regolament Bażiku.

(10) L-għaxar motiv jallega li l-Kummissjoni wettqet varji ksur ta' drittijiet tad-difiża tar-rikorrenti u naqset milli tipprovdi raġunijiet meta adottat ir-regolament ikkontestat, peress li l-iżvelar definittiv li fuqu huwa bbażat ma kienx jinkludi fatti essenzjali u kunsiderazzjonijiet għall-adozzjoni tal-miżuri definittivi. Il-Kummissjoni bidlet ukoll il-perijodu ta' validità tal-miżuri mingħajr ma pprovdiet raġunijiet u la awtorizzat lir-rikorrenti l-aċċess għall-fajl mhux kunfidenzjali fi żmien xieraq u lanqas ma ħalliet żmien biżżejjed biex ir-rikorrenti jissottometti l-kummenti fuq l-iżvelar definittiv.

---

## Rikors ippreżentat fl-24 ta' Mejju 2013 — Ledra Advertising vs Il-Kummissjoni u l-BĊE

**(Kawża T-289/13)**

(2013/C 226/21)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Ledra Advertising Ltd (Nikosija, Ċipru) (rappreżentanti: C. Paschalides, Solicitor, u A. Paschalides, avukat)

*Konvenuti:* Il-Bank Ċentrali Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea

### Talbiet

Talbiet tar-rikorrenti

— tordna li jitħallas kumpens fl-ammont ta' EUR 958 920,00 peress li l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Memorandum ta' Ftehim tas-26 ta' April 2013 bejn Ċipru u l-konvenuti fil-paragrafi 1.23 sa 1.27 kienu jinkludu rekwiżiti li jiksru b'mod manifest liġi superjuri għall-protezzjoni tal-individwu, jiġifieri: l-Artikolu 17 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 1 tal-Protokoll Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

— tiddikjara nulli l-kundizzjonijiet relevanti u tordna reviżjoni urġenti tal-istrumenti ta' assistenza finanzjarja skont l-Artikolu 14 sa 18 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà ("Trattat MES") skont l-Artikolu 19 fid-dawl tas-sentenza tal-qorti bil-għan li jsiru emendi sabiex jikkonformaw mas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja; u

— sa fejn dak il-kumpens taħt l-ewwel kap tat-talba ma jipprovdix għall-fatt li l-kundizzjonijiet relevanti jiġu annullati, ordni għal ksur tal-Artikolu 263 TFUE.

### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw ħames motivi.

(1) L-ewwel motiv huwa bbażat fuq l-allegazzjoni li l-kundizzjonijiet rilevanti fil-Memorandum ta' Ftehim kienu jinkludu rekwiżiti li "jiksru b'mod manifest liġi superjuri għall-protezzjoni tal-individwu" [1] peress li:

— l-imsemmija regola hija superjuri peress li tinsab fil-Karta u fil-KEDB;

— permezz tal-Artikolu 51(1) tal-Karta u 6.2 TUE il-konvenuti huma obbligati li jirrispettaw u jwettqu d-drittijiet fundamentali żgurati mill-Karta u mill-KEDB; u

— depożiti bankarji huma proprjetà fis-sens tal-imsemmi artikolu 17 tal-Karta u l-Artikolu 1 tal-Protokoll 1 tal-KEDB.

(2) It-tieni motiv huwa bbażat fuq l-allegazzjoni li l-istanzi ta' ksur imsemmija iktar 'il quddiem, ikkunsidrati flimkien, kienu tant mifruxa li jammontaw għal ksur manifest ta' liġi superjuri, kif ġej:

— fiż-żmien li fih ir-rikorrenti ġew imċaħħda mid-depożiti bankarji tagħhom ma kienx hemm fis-seħħ "kundizzjonijiet previsti mil-liġi," fl-*acquis* li jittrattaw iċ-ċaħda tad-depożiti bakarji bi ksur tal-Karta u l-Protokoll;

— ir-rikorrenti ġew mċaħħda mid-depożiti mingħajr "ħlas ta' kumpens xieraq fi żmien utli" bi ksur tal-Artikolu 17 tal-Karta u l-Artikolu 1 tal-Protokoll;

— iċ-ċaħda ta' depożiti hija *prima facie* illegali sakemm "Bla ħsara għall-prinċipju ta' proporzjonalità. [din ma tkunx meħtieġa] u fejn ġenwinament [ikunu] jintlaħqu l-objettivi ta' interess ġenerali rikonoxxuti mill-Unjoni jew il-ħtieġa li jiġu protetti d-drittijiet u l-libertajiet ta' oħrajn." [2];

— l-interess pubbliku li jikkompeti fil-prevenzjoni tal-paniku u tal-iżbank ta' flus minn ħafna nies f'daqqa fis-sistema bankarja, fi żmien qasir u fi żmien medju, ma kienx ikkunsidrat fl-evalwazzjoni tal-interess pubbliku taħt l-Artikolu 17 tal-Karta u l-Artikolu 1 tal-Protokoll;

— l-għan ma kienx li ssir ħsara jew li jiġi ppenalizzat Ċipru iżda għall-benefiċċju tiegħu u dak taż-żona euro u b'hekk jingħataw għajnuna u ma jiġux destabbilizzati l-istituzzjonijiet finanzjarji tiegħu u l-vijabbiltà ekonomika tiegħu; u

— ma kien hemm l-ebda relazzjoni ta' proporzjonalità tal-interferenza għal għan leġittimu peress li permezz tal-Artikolu 3 tat-Trattat MES 2012 l-għan ġenwin kien "sabiex ikun hemm mobilizzazzjoni ta' finanzjament u jingħata appoġġ ta' stabbiltà taħt konfidenzjalità stretta. għall-benefiċċju tal-Membri tal-MES li qed jesperjenzaw jew huma mhedda minn problemi finanzjarji severi, jekk huwa indispensabbli sabiex tissalvagwardja ż-żona tal-euro kollha kemm hi u tal-Istat Membru tagħha" mingħajr ma tiġi pparalizzata l-ekonomija tiegħu.

(3) It-tielet motiv huwa bbażat fuq l-allegazzjoni li ċ-ċaħda tad-depożiti tar-rikorrenti ma kenitx neċessarja jew proporzjonata.

(4) Ir-raba' motiv huwa bbażat fuq l-allegazzjoni li konsegwentement il-konvenuti kkawżaw iċ-ċaħda tad-depożiti bankarji lir-rikorrenti peress li, kieku mhux għall-ksur manifest, id-depożiti bankarji tar-rikorrenti kienu jkunu protetti mid-drittijiet tagħhom taħt il-Karta u l-Protokoll bir-riżultat li t-telf tar-rikorrenti kien suffiċjentement dirett u prevedibbli.

(5) Il-ħames motiv, huwa bbażat fuq l-allegazzjoni li jekk is-sottomissjonijiet ta' hawn fuq huma fondati l-kundizzjonijiet rilevanti għandhom ikunu ddikjarati nulli minkejja li l-kundizzjonijiet rilevanti ġew indirizzati lil Ċipru, peress li huma kienu ta' interess dirett u individwali għal kull rikorrent fuq il-bażi li l-kundizzjonijiet rilevanti u l-mod tal-implementazzjoni tagħhom jiksru t-Trattat u/jew regola ta' dritt relatata mal-applikazzjoni tiegħu u/jew, sal-punt li huwa stabbilit li meta d-depożitu bankarju tar-rikorrent jkun mċaħħad, dan jimmina l-istat tad-dritt kontra l-Artikolu 6(1) TUE, kienu abbuż ta' poter.

([1]) Ara s-sentenza tat-2 ta' Diċembru 1971 fil-Kawża Zuckerfabrik Schoeppenstedt vs Il-Kunsill, C-5/71, Ġabra p. 975

([2]) Artikolu 52(1) tal-Karta

## Rikors ippreżentat fl-24 ta' Mejju 2013 — CMBG vs Il-Kummissjoni u l- BĊE

**(Kawża T-290/13)**

(2013/C 226/22)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* CMBG Ltd (Totola, il-Gżejjer Virġni Brittaniċi) (rappreżentanti: C. Paschalides, Solicitor, u A. Paschalides, avukat)

*Konvenuti:* Il-Bank Ċentrali Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea

### Talbiet tar-rikorrenti

— tordna li jitħallas kumpens fl-ammont ta' EUR 19 999 121,60 peress li l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Memorandum ta' Ftehim tas-26 ta' April 2013 bejn Ċipru u l-konvenuti fil-paragrafi 1.23 sa 1.27 kienu jinkludu rekwiżiti li jiksru b'mod manifest liġi superjuri għall-protezzjoni tal-individwu, jiġifieri: l-Artikolu 17 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 1 tal-Protokoll Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

— tiddikjara nulli l-kundizzjonijiet relevanti u tordna reviżjoni urġenti tal-istrumenti ta' assistenza finanzjarja skont l-Artikolu 14 sa 18 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà ("Trattat MES") skont l-Artikolu 19 fid-dawl tas-sentenza tal-qorti bil-għan li jsiru emendi sabiex jikkonformaw mas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja; u

— sa fejn dak il-kumpens taħt l-ewwel kap tat-talba ma jipprovdix għall-fatt li l-kundizzjonijiet relevanti jiġu annullati, ordni għal ksur tal-Artikolu 263 TFUE.

### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw ħames motivi.

(1) L-ewwel motiv huwa bbażat fuq l-allegazzjoni li l-kundizzjonijiet rilevanti fil-Memorandum ta' Ftehim kienu jinkludu rekwiżiti li jiksru "jiksru b'mod manifest liġi superjuri għall-protezzjoni tal-individwu" ([1]) peress li:

— l-imsemmija regola hija superjuri peress li tinsab fil-Karta u fil-KEDB;

— permezz tal-Artikolu 51(1) tal-Karta u 6.2 TUE il-konvenuti huma obbligati li jirrispettaw u jwettqu d-drittijiet fundamentli żgurati mill-Karta u mill-KEDB; u

— depożiti bankarji huma proprjetà fis-sens tal-imsemmi artikolu 17 tal-Karta u l-Artikolu 1 tal-Protokoll 1 tal-KEDB.

(2) It-tieni motiv huwa bbażat fuq l-allegazzjoni li l-istanzi ta' ksur imsemmija iktar 'il quddiem, ikkunsidrati flimkien, kienu tant mifruxa li jammontaw għal ksur manifest ta' liġi superjuri, kif ġej:

— fiż-żmien li fih ir-rikorrenti ġew imċaħħda mid-depożiti bankarji tagħhom ma kienx hemm fis-seħħ "kundizzjonijiet previsti mil-liġi," fl-*acquis* li jittrattaw iċ-ċaħda tad-depożiti bakarji bi ksur tal-Karta u l-Protokoll;

— ir-rikorrenti ġew mċaħħda mid-depożiti mingħajr "ħlas ta' kumpens xieraq fi żmien utli" bi ksur tal-Artikolu 17 tal-Karta u l-Artikolu 1 tal-Protokoll;

— iċ-ċaħda ta' depożiti hija *prima facie* illegali sakemm "Bla ħsara għall-prinċipju ta' proporzjonalità. [din ma tkunx meħtieġa] u fejn ġenwinament [ikunu] jintlaħqu l-objettivi ta' interess ġenerali rikonoxxuti mill-Unjoni jew il-ħtieġa li jiġu protetti d-drittijiet u l-libertajiet ta' oħrajn." [2];

— l-interess pubbliku li jikkompeti fil-prevenzjoni tal-paniku u tal-iżbank ta' flus minn ħafna nies f'daqqa fis-sistema bankarja, fi żmien qasir u fi żmien medju, ma kienx ikkunsidrat fl-evalwazzjoni tal-interess pubbliku taħt l-Artikolu 17 tal-Karta u l-Artikolu 1 tal-Protokoll;

— l-għan ma kienx li ssir ħsara jew li jiġi ppenalizzat Ċipru iżda għall-benefiċċju tiegħu u dak taż-żona euro u b'hekk jingħataw għajnuna u ma jiġux destabbilizzati l-istituzzjonijiet finanzjarji tiegħu u l-vijabbiltà ekonomika tiegħu; u

— ma kien hemm l-ebda relazzjoni ta' proporzjonalità tal-interferenza għal għan leġittimu peress li permezz tal-Artikolu 3 tat-Trattat MES 2012 l-għan ġenwin kien "sabiex ikun hemm mobilizzazzjoni ta' finanzjament u jingħata appoġġ ta' stabbiltà taħt konfidenzjalità stretta. għall-benefiċċju tal-Membri tal-MES li qed jesperjenzaw jew huma mhedda minn problemi finanzjarji severi, jekk huwa indispensabbli sabiex tissalvagwardja ż-żona tal-euro kollha kemm hi u tal-Istat Membru tagħha" mingħajr ma tiġi pparalizzata l-ekonomija tiegħu..

(3) It-tielet motiv huwa bbażat fuq l-allegazzjoni li ċ-ċaħda tad-depożiti tar-rikorrenti ma kenitx neċessarja jew proporzjonata.

(4) Ir-raba' motiv huwa bbażat fuq l-allegazzjoni li konsegwentement il-konvenuti kkawżaw iċ-ċaħda tad-depożiti bankarji lir-rikorrenti peress li, kieku mhux għall-ksur manifest, id-depożiti bankarji tar-rikorrenti kienu jkunu protetti mid-drittijiet tagħhom taħt il-Karta u l-Protokoll bir-riżultat li t-telf tar-rikorrenti kien suffiċjentement dirett u prevedibbli.

(5) Il-ħames motiv, huwa bbażat fuq l-allegazzjoni li jekk is-sottomissjonijiet ta' hawn fuq huma fondati l-kundizzjonijiet rilevanti għandhom ikunu ddikjarati nulli minkejja li l-kundizzjonijiet rilevanti ġew indirizzati lil Ċipru, peress li huma kienu ta' interess dirett u individwali għal kull rikorrent fuq il-bażi li l-kundizzjonijiet rilevanti u l-mod tal-implementazzjoni tagħhom jiksru t-Trattat u/jew regola ta' dritt relatata mal-applikazzjoni tiegħu u/jew, sal-punt li huwa stabbilit li meta d-depożitu bankarju tar-rikorrent jkun mċaħħad, dan jimmina l-istat tad-dritt kontra l-Artikolu 6(1) TUE, kienu abbuż ta' poter.

[1] Ara s-sentenza tat-2 ta' Diċembru 1971 fil-Kawża Zuckerfabrik Schoeppenstedt vs Il-Kunsill, C-5/71, Ġabra p. 975
[2] Artikolu 52(1) tal-Karta

**Rikors ippreżentat fl-24 ta' Mejju 2013 — Eleftheriou u Papachristofi vs Il-Kummissjoni u l-BĊE**

**(Kawża T-291/13)**

(2013/C 226/23)

*Lingwa tal-kawża:l- Ingliż*

## Partijiet

*Rikorrenti:* Andreas Eleftheriou (Dherynia, Ċipru); Eleni Eleftheriou (Dherynia); u Lilia Papachristofi (Dherynia) (rappreżentanti: C. Paschalides, Solicitor, u A. Paschalides, avukat)

*Konvenuti:* Il-Bank Ċentrali Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea

## Talbiet tar-rikorrenti

— tordna li jitħallas kumpens fl-ammont ta' £ 347 520,68 peress li l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Memorandum ta' Ftehim tas-26 ta' April 2013 bejn Ċipru u l-konvenuti fil-paragrafi 1.23 sa 1.27 kienu jinkludu rekwiżiti li jiksru b'mod manifest liġi superjuri għall-protezzjoni tal-individwu, jiġifieri: l-Artikolu 17 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 1 tal-Protokoll Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

— tiddikjara nulli l-kundizzjonijiet relevanti u tordna reviżjoni urġenti tal-istrumenti ta' assistenza finanzjarja skont l-Artikolu 14 sa 18 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà ("Trattat MES") skont l-Artikolu 19 fid-dawl tas-sentenza tal-qorti bil-għan li jsiru emendi sabiex jikkonformaw mas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja; u

— sa fejn dak il-kumpens taħt l-ewwel kap tat-talba ma jipprovdix għall-fatt li l-kundizzjonijiet relevanti jiġu annullati, ordni għal ksur tal-Artikolu 263 TFUE.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw ħames motivi.

(1) L-ewwel motiv huwa bbażat fuq l-allegazzjoni li l-kundizzjonijiet rilevanti fil-Memorandum ta' Ftehim kienu jinkludu rekwiżiti li "jiksru b'mod manifest liġi superjuri għall-protezzjoni tal-individwu" ([1]) peress li:

— l-imsemmija regola hija superjuri peress li tinsab fil-Karta u fil-KEDB;

— permezz tal-Artikolu 51(1) tal-Karta u 6.2 TUE il-konvenuti huma obbligati li jirrispettaw u jwettqu d-drittijiet fundamentli żgurati mill-Karta u mill-KEDB; u

— depożiti bankarji huma proprjetà fis-sens tal-imsemmi artikolu 17 tal-Karta u l-Artikolu 1 tal-Protokoll 1 tal-KEDB.

(2) It-tieni motiv huwa bbażat fuq l-allegazzjoni li l-istanzi ta' ksur imsemmija iktar 'il quddiem, ikkunsidrati flimkien, kienu tant mifruxa li jammontaw għal ksur manifest ta' liġi superjuri, kif ġej:

— fiż-żmien li fih ir-rikorrenti ġew imċaħħda mid-depożiti bankarji tagħhom ma kienx hemm fis-seħħ "kundizzjonijiet previsti mil-liġi," fl-*acquis* li jittrattaw iċ-ċaħda tad-depożiti bankarji bi ksur tal-Karta u l-Protokoll;

— ir-rikorrenti ġew mċaħħda mid-depożiti mingħajr "ħlas ta' kumpens xieraq fi żmien utli" bi ksur tal-Artikolu 17 tal-Karta u l-Artikolu 1 tal-Protokoll;

— iċ-ċaħda ta' depożiti hija *prima facie* illegali sakemm "Bla ħsara għall-prinċipju ta' proporzjonalità. [din ma tkunx meħtieġa] u fejn ġenwinament [ikunu] jintlaħqu l-objettivi ta' interess ġenerali rikonoxxuti mill-Unjoni jew il-ħtieġa li jiġu protetti d-drittijiet u l-libertajiet ta' oħrajn." ([2]);

— l-interess pubbliku li jikkompeti fil-prevenzjoni tal-paniku u tal-iżbank ta' flus minn ħafna nies f'daqqa fis-sistema bankarja, fi żmien qasir u fi żmien medju, ma kienx ikkunsidrat fl-evalwazzjoni tal-interess pubbliku taħt l-Artikolu 17 tal-Karta u l-Artikolu 1 tal-Protokoll;

— l-għan ma kienx li ssir ħsara jew li jiġi ppenalizzat Ċipru iżda għall-benefiċċju tiegħu u dak taż-żona euro u b'hekk jingħataw għajnuna u ma jiġux destabbilizzati l-istituzzjonijiet finanzjarji tiegħu u l-vijabbiltà ekonomika tiegħu; u

— ma kien hemm l-ebda relazzjoni ta' proporzjonalità tal-interferenza għal għan leġittimu peress li permezz tal-Artikolu 3 tat-Trattat MES 2012 l-għan ġenwin kien "sabiex ikun hemm mobilizzazzjoni ta' finanzjament u jingħata appoġġ ta' stabbiltà taħt konfidenzjalità stretta. għall-benefiċċju tal-Membri tal-MES li qed jesperjenzaw jew huma mhedda minn problemi finanzjarji severi, jekk huwa indispensabbli sabiex tissalvagwardja ż-żona tal-euro kollha kemm hi u tal-Istat Membru tagħha" mingħajr ma tiġi pparalizzata l-ekonomija tiegħu.

(3) It-tielet motiv huwa bbażat fuq l-allegazzjoni li ċ-ċaħda tad-depożiti tar-rikorrenti ma kenitx neċessarja jew proporzjonata.

(4) Ir-raba' motiv huwa bbażat fuq l-allegazzjoni li konsegwentement il-konvenuti kkawżaw iċ-ċaħda tad-depożiti bankarji lir-rikorrenti peress li, kieku mhux għall-ksur manifest, id-depożiti bankarji tar-rikorrenti kienu jkunu protetti mid-drittijiet tagħhom taħt il-Karta u l-Protokoll bir-riżultat li t-telf tar-rikorrenti kien suffiċjentement dirett u prevedibbli.

(5) Il-ħames motiv, huwa bbażat fuq l-allegazzjoni li jekk is-sottomissjonijiet ta' hawn fuq huma fondati l-kundizzjonijiet rilevanti għandhom ikunu ddikjarati nulli minkejja li l-kundizzjonijiet rilevanti ġew indirizzati lil Ċipru, peress li huma kienu ta' interess dirett u individwali għal kull rikorrent fuq il-bażi li l-kundizzjonijiet rilevanti u l-mod tal-implementazzjoni tagħhom jiksru t-Trattat u/jew regola ta'

dritt relatata mal-applikazzjoni tiegħu u/jew, sal-punt li huwa stabbilit li meta d-depożitu bankarju tar-rikorrent jkun mċaħħad, dan jimmina l-istat tad-dritt kontra l-Artikolu 6(1) TUE, kienu abbuż ta' poter.

---

([1]) Ara s-sentenza tat-2 ta' Diċembru 1971 fil-Kawża Zuckerfabrik Schoeppenstedt vs Il-Kunsill, C-5/71, Ġabra p. 975

([2]) Artikolu 52(1) tal-Karta

---

**Rikors ippreżentat fl-24 ta' Mejju 2013 — Evangelou vs Il-Kummisjoni u BĊE**

**(Kawża T-292/13)**

(2013/C 226/24)

*Lingwa tal-kawża: Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Christos Evangelou (Derynia, Ċipru) u Yvonne Evangelou (Derynia) (rappreżentanti: C. Paschalides, Solicitor, u A. Paschalides, avukat)

*Konvenuti:* Il-Bank Ċentrali Ewropew u Il-Kummisjoni Ewropea

**Talbiet tar-rikorrenti**

— tordna li jitħallas kumpens fl-ammont ta' EUR 1 552 110,64 peress li l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Memorandum ta' Ftehim tas-26 ta' April 2013 bejn Ċipru u l-konvenuti fil-paragrafi 1.23 sa 1.27 kienu jinkludu rekwiżiti li jiksru b'mod manifest liġi superjuri għall-protezzjoni tal-individwu, jiġifieri: l-Artikolu 17 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 1 tal-Protokoll Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

— tiddikjara nulli l-kundizzjonijiet relevanti u tordna reviżjoni urġenti tal-istrumenti ta' assistenza finanzjarja skont l-Artikolu 14 sa 18 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà ("Trattat MES") skont l-Artikolu 19 fid-dawl tas-sentenza tal-qorti bil-għan li jsiru emendi sabiex jikkonformaw mas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja; u

— sa fejn dak il-kumpens taħt l-ewwel kap tat-talba ma jipprovdix għall-fatt li l-kundizzjonijiet relevanti jiġu annullati, ordni għal ksur tal-Artikolu 263 TFUE.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw ħames motivi.

(1) L-ewwel motiv huwa bbażat fuq l-allegazzjoni li l-kundizzjonijiet rilevanti fil-Memorandum ta' Ftehim kienu jinkludu rekwiżiti li "jiksru b'mod manifest liġi superjuri għall-protezzjoni tal-individwu" ([1]) peress li:

— l-imsemmija regola hija superjuri peress li tinsab fil-Karta u fil-KEDB;

— permezz tal-Artikolu 51(1) tal-Karta u 6.2 TUE il-konvenuti huma obbligati li jirrispettaw u jwettqu d-drittijiet fundamentli żgurati mill-Karta u mill-KEDB; u

— depożiti bankarji huma proprjetà fis-sens tal-imsemmi artikolu 17 tal-Karta u l-Artikolu 1 tal-Protokoll 1 tal-KEDB.

(2) It-tieni motiv huwa bbażat fuq l-allegazzjoni li l-istanzi ta' ksur imsemmija iktar 'il quddiem, ikkunsidrati flimkien, kienu tant mifruxa li jammontaw għal ksur manifest ta' liġi superjuri, kif ġej:

— fiż-żmien li fih ir-rikorrenti ġew imċaħħda mid-depożiti bankarji tagħhom ma kienx hemm fis-seħħ "kundizzjonijiet previsti mil-liġi," fl-*acquis* li jittrattaw iċ-ċaħda tad-depożiti bankarji bi ksur tal-Karta u l-Protokoll;

— ir-rikorrenti ġew mċaħħda mid-depożiti mingħajr "ħlas ta' kumpens xieraq fi żmien utli" bi ksur tal-Artikolu 17 tal-Karta u l-Artikolu 1 tal-Protokoll;

— iċ-ċaħda ta' depożiti hija *prima facie* illegali sakemm "Bla ħsara għall-prinċipju ta' proporzjonalità. [din ma tkunx meħtieġa] u fejn ġenwinament [ikunu] jintlaħqu l-objettivi ta' interess ġenerali rikonoxxuti mill-Unjoni jew il-ħtieġa li jiġu protetti d-drittijiet u l-libertajiet ta' oħrajn." ([2]);

— l-interess pubbliku li jikkompeti fil-prevenzjoni tal-paniku u tal-iżbank ta' flus minn ħafna nies f'daqqa fis-sistema bankarja, fi żmien qasir u fi żmien medju, ma kienx ikkunsidrat fl-evalwazzjoni tal-interess pubbliku taħt l-Artikolu 17 tal-Karta u l-Artikolu 1 tal-Protokoll;

— l-għan ma kienx li ssir ħsara jew li jiġi ppenalizzat Ċipru iżda għall-benefiċċju tiegħu u dak taż-żona euro u b'hekk jingħataw għajnuna u ma jiġux destabbilizzati l-istituzzjonijiet finanzjarji tiegħu u l-vijabbiltà ekonomika tiegħu; u

— ma kien hemm l-ebda relazzjoni ta' proporzjonalità tal-interferenza għal għan leġittimu peress li permezz tal-Artikolu 3 tat-Trattat MES 2012 l-għan ġenwin kien "sabiex ikun hemm mobilizzazzjoni ta' finanzjament u jingħata appoġġ ta' stabbiltà taħt konfidenzjalità stretta. għall-benefiċċju tal-Membri tal-MES li qed jesperjenzaw jew huma mhedda minn problemi finanzjarji severi, jekk huwa indispensabbli sabiex tissalvagwardja ż-żona tal-euro kollha kemm hi u tal-Istat Membru tagħha" mingħajr ma tiġi pparalizzata l-ekonomija tiegħu.

(3) It-tielet motiv huwa bbażat fuq l-allegazzjoni li ċ-ċaħda tad-depożiti tar-rikorrenti ma kenitx neċessarja jew proporzjonata.

(4) Ir-raba' motiv huwa bbażat fuq l-allegazzjoni li konsegwentement il-konvenuti kkawżaw iċ-ċaħda tad-depożiti bankarji lir-rikorrenti peress li, kieku mhux għall-ksur manifest, id-depożiti bankarji tar-rikorrenti kienu jkunu protetti mid-drittijiet tagħhom taħt il-Karta u l-Protokoll bir-riżultat li t-telf tar-rikorrenti kien suffiċjentement dirett u prevedibbli.

(5) Il-ħames motiv, huwa bbażat fuq l-allegazzjoni li jekk is-sottomissjonijiet ta' hawn fuq huma fondati l-kundizzjonijiet rilevanti għandhom ikunu ddikjarati nulli minkejja li l-kundizzjonijiet rilevanti ġew indirizzati lil Ċipru, peress li huma kienu ta' interess dirett u individwali għal kull rikorrent fuq il-bażi li l-kundizzjonijiet rilevanti u l-mod tal-implementazzjoni tagħhom jiksru t-Trattat u/jew regola ta' dritt relatata mal-applikazzjoni tiegħu u/jew, sal-punt li huwa stabbilit li meta d-depożitu bankarju tar-rikorrent jkun mċaħħad, dan jimmina l-istat tad-dritt kontra l-Artikolu 6(1) TUE, kienu abbuż ta' poter.

---

([1]) Ara s-sentenza tat-2 ta' Diċembru 1971 fil-Kawża Zuckerfabrik Schoeppenstedt vs Il-Kunsill, C-5/71, Ġabra p. 975

([2]) Artikolu 52(1) tal-Karta

---

## Rikors ippreżentat fl-24 ta' Mejju 2013 — Theophilou vs Il-Kummissjoni u l-BĊE

### (Kawża T-293/13)

(2013/C 226/25)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Christos Theophilou (Nikosija, Ċipru) u Eleni Theophilou (Nikosija) (rappreżentanti: C. Paschalides, Solicitor, u A. Paschalides, avukat)

*Konvenuti:* Il-Bank Ċentrali Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

— tordna li jitħallas kumpens fl-ammont ta' EUR 1 583 479,00 peress li l-kundizzjonijiet rikjesti taħt il-Memorandum ta' Ftehim tas-26 ta' April 2013 bejn Ċipru u l-konvenuti fil-punti 1.23-1.27 kienu jinkludu rekwiżiti li jiksru b'mod manifest liġi superjuri għall-protezzjoni tal-individwu, jiġifieri: l-Artikolu 17 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 1 tal-Protokoll 1 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;

— tiddikjara nulli l-kundizzjonijiet rilevanti u tordna reviżjoni urġenti tal-istrumenti ta' assistenza finanzjarja taħt l-Artikolu 14 sa 18 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà ("Trattat MES") skont l-Artikolu 19 fid-dawl tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja bil-għan li jsiru emendi sabiex jikkonformaw mas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja; u

— sa fejn dak il-kumpens taħt l-ewwel kap tat-talba ma jipprovdix għall-fatt li l-kundizzjonijiet relevanti jiġu annullati, ordni għal ksur tal-Artikolu 263 TFUE.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti jinvokaw ħames motivi.

(1) L-ewwel motiv huwa bbażat fuq l-allegazzjoni li l-kundizzjonijiet rilevanti fil-Memorandum ta' Ftehim kienu jinkludu rekwiżiti li kienu "jiksru b'mod manifest liġi superjuri ta' liġi għall-protezzjoni tal-individwu" ([1]) għaliex:

— l-imsemmija regola ta' liġi hija superjuri peress li tinsab fil-Karta u fil-KEDB;

— permezz tal-Artikolu 51 (1) tal-Karta u 6(2) TUE il-konvenuti huma obbligati li jirrispettaw u jwettqu d-drittijiet fundamentali żgurati mill-Karta u mill-KEDB; u

— depożiti bankarji huma proprjetà fis-sens tal-imsemmi Artikolu 17 tal-Karta u l-Artikolu 1 tal-Protokoll 1 tal-KEDB.

(2) It-tieni motiv huwa bbażat fuq l-allegazzjoni li l-istanzi ta' ksur imsemmija iktar 'il quddiem, ikkunsidrati flimkien, kienu tant mifruxa li jammontaw għal ksur manifest ta' liġi superjuri, kif ġej:

— fiż-żmien li r-rikorrenti ġew mċaħħda mid-depożiti tagħhom ma kienx hemm fis-seħħ "kundizzjonijiet previsti mil-liġi" fl-*acquis* li jittrattaw ċaħda ta' depożiti bankarji bi ksur tal-Karta u l-Protokoll;

— ir-rikorrenti ġew mċaħħda mid-depożiti tagħhom mingħajr "ħlas ta' kumpens xieraq fi żmien utli" bi ksur tal-Artikolu 17 tal-Karta u l-Artikolu 1 tal-Protokoll;

— iċ-ċaħda ta' depożiti hija *prima facie* illegali sakemm "Bla ħsara għall-prinċipju ta' proporzjonalità. [din ma tkunx meħtieġa] u fejn ġenwinament [ikunu] jintlaħqu l-objettivi ta' interess ġenerali rikonoxxuti mill-Unjoni jew il-ħtieġa li jiġu protetti d-drittijiet u l-libertajiet ta' oħrajn." ([2]);

— l-interess pubbliku li jikkompeti fil-prevenzjoni tal-paniku u tal-iżbank ta' flus minn ħafna nies f'daqqa fis-sistema bankarja, fi żmien qasir u fi żmien medju, ma kienx ikkunsidrat fl-evalwazzjoni tal-interess pubbliku taħt l-Artikolu 17 tal-Karta u l-Artikolu 1 tal-Protokoll;

— l-għan ma kienx li ssir ħsara jew li jiġi ppenalizzat Ċipru iżda għall-benefiċċju tiegħu u dak taż-żona euro u b'hekk jingħataw għajnuna u ma jiġux destabbilizzati l-istituzzjonijiet finanzjarji tiegħu u l-vijabbiltà ekonomika tiegħu; u

— ma kien hemm l-ebda relazzjoni ta' proporzjonalità tal-interferenza għal għan leġittimu peress li bl-Artikolu 3 tat-Trattat MES 2012 l-għan ġenwin kien "sabiex ikun hemm mobilizzazzjoni ta' finanzjament u jingħata appoġġ ta' stabbiltà taħt konfidenzjalità stretta. għall-benefiċċju tal-Membri tal-MES li qed jesperjenzaw jew huma mhedda minn problemi finanzjarji severi, jekk huwa indispensabbli sabiex tissalvagwardja ż-żona tal-euro kollha kemm hi u tal-Istat Membru tagħha" mingħajr ma tiġi pparalizzata l-ekonomija tiegħu.

(3) It-tielet motiv huwa bbażat fuq l-allegazzjoni li ċ-ċaħda ta' depożiti tar-rikorrenti ma kinitx neċessarja jew proporzjonata.

(4) Ir-raba' motiv huwa bbażat fuq l-allegazzjoni li konsegentement il-konvenuti kkawżaw iċ-ċaħda tad-depożiti bankarji lir-rikorrenti peress li, kieku mhux għall-ksur manifest, id-depożiti bankarji tar-rikorrenti kienu jiġu protetti bid-drittijiet tagħhom taħt il-Karta u l-Protokoll bir-riżultat li t-telf tar-rikorrenti kien suffiċjentement dirett u prevedibbli.

(5) Il-ħames motiv, huwa bbażat fuq l-allegazzjoni li jekk is-sottomissjonijiet ta' hawn fuq huma fondati l-kundizzjonijiet rilevanti għandhom ikunu ddikjarati nulli minkejja li l-kundizzjonijiet rilevanti ġew indirizzati lil Ċipru, peress li huma kienu ta' interess dirett u individwali għal kull rikorrent fuq il-bażi li l-kundizzjonijiet rilevanti u l-mod tal-implementazzjoni tagħhom jiksru t-Trattat u/jew regola ta' dritt relatata mal-applikazzjoni tiegħu u/jew, sal-punt li huwa stabbilit li meta d-depożitu bankarju tar-rikorrent jkun mċaħħad, dan jimmina l-istat tad-dritt kontra l-Artikolu 6(1) TUE, kienu abbuż ta' poter.

([1]) Ara s-sentenza tat-2 ta' Diċembru 1971, Zuckerfabrik Schoeppenstedt vs Il-Kunsill (5/71, Ġabra p. 975)
([2]) Artikolu 52(1) tal-Karta

**Rikors ippreżentat fis-27 ta' Mejju 2013 — Fialtor vs Il-Kummissjoni u l-BĊE**

**(Kawża T-294/13)**

(2013/C 226/26)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Fialtor Ltd (Belmopan, il-Beliże) (rappreżentanti: C. Paschalides, Solicitor, u A. Paschalides, avukat)

*Konvenuti:* Il-Bank Ċentrali Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet tar-rikorrenti**

— tordna li jitħallas kumpens fl-ammont ta' EUR 278 925,79 peress li l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Memorandum ta' Ftehim tas-26 ta' April 2013 bejn Ċipru u l-konvenuti fil-paragrafi 1.23 sa 1.27 kienu jinkludu rekwiżiti li jiksru b'mod manifest liġi superjuri għall-protezzjoni tal-individwu, jiġifieri: l-Artikolu 17 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 1 tal-Protokoll Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

— tiddikjara nulli l-kundizzjonijiet relevanti u tordna reviżjoni urġenti tal-istrumenti ta' assistenza finanzjarja skont l-Artikolu 14 sa 18 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà ("Trattat MES") skont l-Artikolu 19 fid-dawl tas-sentenza tal-qorti bil-għan li jsiru emendi sabiex jikkonformaw mas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja; u

— sa fejn dak il-kumpens taħt l-ewwel kap tat-talba ma jipprovdix għall-fatt li l-kundizzjonijiet relevanti jiġu annullati, ordni għal ksur tal-Artikolu 263 TFUE.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw ħames motivi.

(1) L-ewwel motiv huwa bbażat fuq l-allegazzjoni li l-kundizzjonijiet rilevanti fil-Memorandum ta' Ftehim kienu jinkludu rekwiżiti li "jiksru b'mod manifest liġi superjuri għall-protezzjoni tal-individwu" ([1]) peress li:

— l-imsemmija regola hija superjuri peress li tinsab fil-Karta u fil-KEDB;

— permezz tal-Artikolu 51(1) tal-Karta u 6.2 TUE il-konvenuti huma obbligati li jirrispettaw u jwettqu d-drittijiet fundamentli żgurati mill-Karta u mill-KEDB; u

— depożiti bankarji huma proprjetà fis-sens tal-imsemmi artikolu 17 tal-Karta u l-Artikolu 1 tal-Protokoll 1 tal-KEDB.

(2) It-tieni motiv huwa bbażat fuq l-allegazzjoni li l-istanzi ta' ksur imsemmija iktar 'il quddiem, ikkunsidrati flimkien, kienu tant mifruxa li jammontaw għal ksur manifest ta' liġi superjuri, kif ġej:

— fiż-żmien li fih ir-rikorrenti ġew imċaħħda mid-depożiti bankarji tagħhom ma kienx hemm fis-seħħ "kundizzjonijiet previsti mil-liġi" fl-*acquis* li jittrattaw iċ-ċaħda tad-depożiti bankarji bi ksur tal-Karta u l-Protokoll;

— ir-rikorrenti ġew mċaħħda mid-depożiti mingħajr "ħlas ta' kumpens xieraq fi żmien utli" bi ksur tal-Artikolu 17 tal-Karta u l-Artikolu 1 tal-Protokoll;

— iċ-ċaħda ta' depożiti hija *prima facie* illegali sakemm "Bla ħsara għall-prinċipju ta' proporzjonalità. [din ma tkunx meħtieġa] u fejn ġenwinament [ikunu] jintlaħqu l-objettivi ta' interess ġenerali rikonoxxuti mill-Unjoni jew il-ħtieġa li jiġu protetti d-drittijiet u l-libertajiet ta' oħrajn." ([2]);

— l-interess pubbliku li jikkompeti fil-prevenzjoni tal-paniku u tal-iżbank ta' flus minn ħafna nies f'daqqa fis-sistema bankarja, fi żmien qasir u fi żmien medju, ma kienx ikkunsidrat fl-evalwazzjoni tal-interess pubbliku taħt l-Artikolu 17 tal-Karta u l-Artikolu 1 tal-Protokoll;

— l-għan ma kienx li ssir ħsara jew li jiġi ppenalizzat Ċipru iżda għall-benefiċċju tiegħu u dak taż-żona euro u b'hekk jingħataw għajnuna u ma jiġux destabbilizzati l-istituzzjonijiet finanzjarji tiegħu u l-vijabbiltà ekonomika tiegħu; u

— ma kien hemm l-ebda relazzjoni ta' proporzjonalità tal-interferenza għal għan leġittimu peress li permezz tal-Artikolu 3 tat-Trattat MES 2012 l-għan ġenwin kien "sabiex ikun hemm mobilizzazzjoni ta' finanzjament u jingħata appoġġ ta' stabbiltà taħt konfidenzjalità stretta. għall-benefiċċju tal-Membri tal-MES li qed jesperjenzaw jew huma mhedda minn problemi finanzjarji severi, jekk huwa indispensabbli sabiex tissalvagwardja ż-żona tal-euro kollha kemm hi u tal-Istat Membru tagħha" mingħajr ma tiġi pparalizzata l-ekonomija tiegħu.

(3) It-tielet motiv huwa bbażat fuq l-allegazzjoni li ċ-ċaħda tad-depożiti tar-rikorrenti ma kenitx neċessarja jew proporzjonata.

(4) Ir-raba' motiv huwa bbażat fuq l-allegazzjoni li konsegwentement il-konvenuti kkawżaw iċ-ċaħda tad-depożiti bankarji lir-rikorrenti peress li, kieku mhux għall-ksur manifest, id-depożiti bankarji tar-rikorrenti kienu jkunu protetti mid-drittijiet tagħhom taħt il-Karta u l-Protokoll bir-riżultat li t-telf tar-rikorrenti kien suffiċjentement dirett u prevedibbli.

(5) Il-ħames motiv, huwa bbażat fuq l-allegazzjoni li jekk is-sottomissjonijiet ta' hawn fuq huma fondati l-kundizzjonijiet rilevanti għandhom ikunu ddikjarati nulli minkejja li l-kundizzjonijiet rilevanti ġew indirizzati lil Ċipru, peress li huma kienu ta' interess dirett u individwali għal kull rikorrent fuq il-bażi li l-kundizzjonijiet rilevanti u l-mod tal-implementazzjoni tagħhom jiksru t-Trattat u/jew regola ta' dritt relatata mal-applikazzjoni tiegħu u/jew, sal-punt li huwa stabbilit li meta d-depożitu bankarju tar-rikorrent jkun mċaħħad, dan jimmina l-istat tad-dritt kontra l-Artikolu 6(1) TUE, kienu abbuż ta' poter.

(1) Ara s-sentenza tat-2 ta' Diċembru 1971 fil-Kawża Zuckerfabrik Schoeppenstedt vs Il-Kunsill, C-5/71, Ġabra p. 975
(2) Artikolu 52(1) tal-Karta

**Rikors ippreżentat fit-30 ta' Mejju 2013 — Adler Modemärkte vs UASI — Blufin (MARINE BLEU)**

**(Kawża T-296/13)**

(2013/C 226/27)

*Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Adler Modemärkte AG (Haibach, il-Ġermanja) (rappreżentanti: J. Plate u R. Kaase, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Blufin SpA (Carpi, l-Italja)

**Talbiet**

— tannulla d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), tat-3 ta' April 2013 (Każ R 386/2012-2), għaliex ma hijiex konformi mal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament dwar it-trade mark Komunitarja Nru 40/94;

— tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż tal-proċedura inklużi l-ispejjeż tal-proċedimenti tal-appell.

**Motivi u argumenti prinċipali**

*Applikant għat-trade mark Komunitarja:* ir-rikorrenti

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* trade mark figurattiva li tinkludi l-elementi verbali "MARINE BLEU", għal prodotti fil-klassi 25 — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 6 637 193

*Proprjetarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni:* Blufin SpA

*Trade mark jew sinjal invokat:* it-trade mark verbali "BLUMARINE" għal prodotti fil-klassi 25

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni:* oppożizzjoni miċħuda

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* appell milqugħ u applikazzjoni miċħuda

*Motivi invokati:* ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 40/94

**Rikors ippreżentat fit-28 ta' Mejju 2013 — Nordex Holding vs UASI — Fontana Food (Taverna)**

**(Kawża T-302/13)**

(2013/C 226/28)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Nordex Holding A/S (Dronninglund, id-Danimarka) (rappreżentant: M. Kleis, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Fontana Food AB (Tyresö, l-Isvezja)

**Talbiet tar-rikorrenti**

— tannulla d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell, tal-21 ta' Marzu 2013, fil-Każ R 2608/2011-1;

— tannulla d-Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni, tal-21 ta' Ottubru 2011, Nru 4891 C, li ngħatat qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata;

— tordna lill-Uffiċċju jbati l-ispejjeż, inklużi dsawk sostnuti fil-proċedimenti ta' appell.

**Motivi u argumenti prinċipali**

*Trade mark Komunitarja rreġistrata li hija s-suġġett tat-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità:* it-trade mark figurattiva li tinkludi l-element verbali "Taverna" — Reġistrazzjoni ta' trade mark Komunitarja Nru 5 466 909

*Proprjetarju tat-trade mark Komunitarja:* ir-rikorrenti

*Parti li qed titlob id-dikjarazzjoni ta' invalidità tat-trade mark Komunitarja:* il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

*Motivazzjoni tat-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità:* il-motivi tat-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità kienu dawk stabbiliti fl-Artikoli 53(1)(a) u 8(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009.

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni:* trade mark Komunitarja kkontestata ddikjarata parzjalment invalida

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* appell miċħud

*Motivi invokati:* ksur tal-Artikolu 53(1)(a) flimkien mal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009.

## Rikors ippreżentat fil-5 ta' Ġunju 2013 — Silicium España Laboratorios vs UASI — LLR-G5 (LLRG5)

**(Kawża T-306/13)**

(2013/C 226/29)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Silicium España Laboratorios, SL (Vila-Seca, Spanja) (rappreżentant: C. Sueiras Villalobos, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* LLR-G5 Ltd (Castlebar, l-Irlanda)

### Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tas-7 ta' Marzu 2013 (Każ R 383/2012-1), sa fejn tiddikjara t-trade mark Komunitarja Nru 3384625, "LLRG5", bħala invalida peress li ġiet applikata *in mala fide*;

— tikkonferma d-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni tal-20 ta' Diċembru 2011 fil-Każ 4174 C;

— tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż tiegħu u għall-ispejjeż ta' Silicium sostnuti b'konnessjoni ma' dawn il-proċeduri.

### Motivi u argumenti prinċipali

*Trade mark Komunitarja rreġistrata li hija s-suġġett tat-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità:* it-trade mark verbali "LLRG5" — Reġistrazzjoni tat-trade mark Komunitarja Nru 3 384 625

*Proprjetarju tat-trade mark Komunitarja:* ir-rikorrenti

*Parti li qed titlob id-dikjarazzjoni ta' invalidità tat-trade mark Komunitarja:* il-parti l-oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell

*Motivazzjoni tat-talba għal invalidità:* ir-raġunijiet tat-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità huma dawk stabbiliti fl-Artikolu 52(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009.

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni:* talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità miċħuda

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* deċiżjoni kkontestata annullata u t-trade mark Komunitarja kkontestata ddikjarata invalida

*Motivi invokati:* ksur tal-Artikolu 52(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009.

## Rikors ippreżentat fis-7 ta' Ġunju 2013 — Repsol vs UASI — Argiles (ELECTROLINERA)

**(Kawża T-308/13)**

(2013/C 226/30)

*Lingwa tar-rikors: l-Ispanjol*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Repsol, SA (Madrid, Spanja) (rappreżentanti: J. Devaureix u L. Montoya Terán, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

*Partijiet oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Josep María Adell Argiles (Madrid, Spanja)

### Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla u tiddikjara bħala mhux applikabbli d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tas-7 ta' Marzu 2013 fil-Każ R 1565/2012-1 u, konsegwentement, tawtorizza r-reġistrazzjoni tat-trade mark Komuntarja Nru 9 548 884 "ELECTROLINERA" għal prodotti fil-klassijiet 4, 27 u 39 li ġew miċħuda fid-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

*Applikant għat-trade mark Komunitarja:* ir-rikorrenti

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* it-trade mark verbali "ELECTROLINERA" għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 4, 35, 37 u 39 — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 9 548 884

*Proprjetarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni:* Josep María Adell Argiles

*Trade mark jew sinjal invokat:* it-trade mark verbali nazzjonali "ELECTROLINERA" għal prodotti fil-klassijiet 6, 9 u 12

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni:* oppożizzjoni miċħuda parzjalment

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* appell milqugħ parzjalment, deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni annullata parzjalment u, għaldaqstant, ċaħda iktar wiesgħa tal-applikazzjoni għal trade mark Komunitarja.

*Motivi invokati:* ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009.

---

## Rikors ippreżentat fis-7 ta' Ġunju 2013 — Enosi Mastichoparagogon vs UASI — Gaba International (ELMA)

**(Kawża T-309/13)**

(2013/C 226/31)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Enosi Mastichoparagogon Chiou (Chios, il-Greċja) (rappreżentant: A. Malamis, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Gaba International Holding AG (Hamburg, il-Ġermanja)

**Talbiet tar-rikorrenti**

— tannulla d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell, tas-26 ta' Marzu 2013, fil-Każ R 1539/2012-4;

— tordna lill-UASI u lill-parti l-oħra (opponenti quddiem id-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni u appellanti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI) ibatu l-ispejjeż tagħhom u jħallsu dawk tal-applikant tat-trade mark Komunitarja (rikorrenti li titlob l-annullament).

**Motivi u argumenti prinċipali**

*Applikanti għat-trade mark Komunitarja:* ir-rikorrenti

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* it-trade mark verbali "ELMA" għal prodotti fil-klassi 5 — Reġistrazzjoni internazzjonali 900 845 li tirreferi għall-Komunità Ewropea

*Proprjetarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni:* il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

*Trade mark jew sinjal invokat:* ir-reġistrazzjoni tat-trade mark Komunitarja għat-trade mark verbali "ELMEX" għal prodotti fil-klassijiet 3, 5 u 21

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni:* oppożizzjoni milqugħa

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* appell miċħud

*Motivi invokati:* ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009.

---

## Rikors ippreżentat fit-12 ta' Ġunju 2013 — Il-Portugall vs Il-Kummissjoni

**(Kawża T-314/13)**

(2013/C 226/32)

*Lingwa tal-kawża: il-Portugiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Ir-Repubblika Portugiża (rappreżentanti: L. Inez Fernandes, aġent, M. Gorjão-Henriques u J. da Silva Sampaio, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

— tannulla l-Artikoli 1 u 2 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea C(2013) 1870 finali;

— tiddikjara n-nuqqas ta' applikabbiltà għall-każ inkwistjoni tar-Regolament (KE) Nru 16/2003 ([1]), essenzjalment, tal-Artikolu 7 tiegħu, minħabba ksur tar-rekwiżiti proċedurali sostanzjali, ksur tar-Regolament (KE) Nru 1164/94 ([2]) jew, fi kwalunkwe każ, tal-prinċipji ġenerali ta' dritt fis-seħħ fl-ordinament ġuridiku tal-UE.

— tiddikjara l-obbligu tal-Kummissjoni Ewropea li tipproċedi għall-ħlas tal-bilanċ dovut;

— sussidjarjament:

(a) tiddikjara preskritt il-proċediment ta' rkupru tal-ammonti mħallsa diġà u tad-dritt għaż-żamma tal-bilanċ li għadu ma tħallasx;

(b) tiddikjara l-obbligu ta' tnaqqis tal-korrezzjoni mwettqa mill-Kummissjoni Ewropea b'rabta mal-irregolaritajiet eventwali li jiddeterminaw in-nuqqas ta' ħlas sħiħ tal-bilanċ u l-irkupru sħiħ tal-ispejjeż imħallsa sa mit-3 ta' Ġunju 2003 iżda ffatturati bejn Ġunju 2002 u Frar 2003;

— Fi kwalunkwe każ, tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka ħames motivi:

(1) L-ewwel motiv ibbażat fuq in-natura illegali tar-Regolament (KE) Nru 16/2003 minħabba ksur tar-rekwiżiti proċedurali sostanzjali u ksur ta' regola ġerarkikament ogħla.

Ir-Regolament (KE) Nru 16/2003 huwa illegali billi ma ġiex adottat mill-Kulleġġ tal-Kummissarji la taħt il-proċedura ta' awtorizzazzjoni, la taħt il-proċedura bil-miktub jew lanqas taħt kull proċedura oħra ssemplifikata skont ir-Regoli tal-Proċedura tal-Kummissjoni Ewropea ([3]), fil-verżjoni fis-seħħ meta ġie adottat l-imsemmi regolament, u billi ma ġiex osservat il-provvediment fl-Artikolu 18 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Kummissjoni fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tiegħu u inkwantu l-Kummissjoni twettaq interpretazzjoni tal-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 16/2003 li tmur kontra r-Regolament (KE) Nru 1164/94.

(2) It-tieni motiv ibbażat fuq il-ksur tar-regoli Ewropej dwar l-eliġibbiltà ta' spejjeż.

Id-deċiżjoni kkontestata tikser ir-regoli ġudizzjarji ta' applikazzjoni tat-Trattat, b'mod speċifiku fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk l-ispejjeż imħallsa wara u matul il-bidu tal-perijodu ta' eliġibbiltà, minkejja li kellhom jiġu ffatturati qabel, jikkostitwixxu spejjeż eliġibbli għall-finanzjament Ewropew.

(3) It-tielet motiv ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipji ta' aspettattivi leġittimi, ta' ċertezza legali u ta' obbligu tal-amministrazzjoni li tirregola l-aġir tagħha.

Il-Kummissjoni Ewropea għandha prassi amministrattiva kostanti ta' interpretazzjoni tar-regola inkwistjoni fis-sens sostnut mir-Repubblika Portugiża.

L-interpretazzjoni inkwistjoni kienet dovuta għal sorsi awtorizzati tal-Kummissjoni Ewropea, kienet ġiet ikkomunikata lir-Repubblika Portugiża, bħal ma ġiet ikkomunikata lill-Istati Membri l-oħra, u l-kontenut tagħha kien, b'mod ċar, tali li kien jagħti lok lir-Repubblika Portugiża tistenna leġittimament li l-fatturi rċevuti qabel u mħallsa wara li t-talba kompleta ma tkun waslet il-Kummissjoni Ewropea jkunu eliġibbli.

L-impożizzjoni tal-interpretazzjoni issa sostnuta mill-Kummissjoni tikser manifestament il-prinċipju ta' ċertezza legali, minħabba li timponi oneri finanzjarji sostanzjali fuq ir-Repubblika Portugiża, mingħajr ma din l-interpretazzjoni kienet ċerta jew prevedibbli.

(4) Ir-raba' motiv ibbażat, sussidjarjament, fuq il-ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità.

Għalkemm huwa minnu li, skont l-Artikolu H tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1164/94, il-Kummissjoni Ewropea tista' tagħmel il-korrezzjonijiet finanzjarji li tqis li huma xierqa, liema fatt ikun jista' jinvolvi t-tneħħija totali jew parzjali tal-għajnuna mogħtija għall-proġett, l-istess entità għandha l-obbligu li tosserva l-prinċipju ta' proporzjonalità, billi tieħu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi tal-każ speċifiku, bħat-tip ta' irregolarità u l-portata tal-effett finanzjarju possibbli tad-difetti eventwali tas-sistemi ta' ġestjoni jew ta' kontroll. F'dan is-sens, wieħed ma jistax jifhem kif tista' tiġi kkunsidrata tneħħija totali tal-għajnuna mogħtija, ġaladarba l-korrezzjonijiet ta' 100 % japplikaw biss meta d-difetti fis-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll ikunu tant importanti, jew l-irregolarità kkonstatata tkun tant serja, li jikkostitwixxu nuqqas ta' osservanza totali tar-regoli Komunitarji, li jinvolvu l-pagamenti irregolari kollha.

Id-diffikultajiet ta' interpretazzjoni huma fattur deċiżiv ta' attenwazzjoni li għandhom dejjem jittieħdu inkunsiderazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea. Skont iċ-ċirkustanzi deskritti, jeżistu miżuri inqas restrittivi — l-applikazzjoni ta' rata ridotta jew anki n-nuqqas ta' korrezzjoni — li jiksbu l-għan imfittex.

(5) Il-ħames motiv ibbażat, sussidjarjament, fuq il-preskrizzjoni.

Fi kwalunke każ, l-ispejjeż li jippreċedu t-3 ta' Ġunju 2003 diġà huma preskritti, fejn l-aħħar fattura hija tat-28 ta' Frar 2003, tliet xhur u jumejn qabel id-data inkwistjoni.

Skont ir-Regolament (KE) Nru 2988/95 ([4]), tat-18 ta' Diċembru, it-terminu ta' preskrizzjoni tal-proċedimenti huwa ta' erba' snin mid-data li fiha seħħet l-irregolarità.

([1]) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 16/2003, tas-6 ta' Jannar 2003, li jippreskrivi regoli speċjali dettaljati għall-implimentazzjoi tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1164/94 fir-rigward tal-eliġibilità tal-ispiża fil-kuntest tal-miżuri parzjalment iffinanzjati mill-Fond ta' Koeżjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 14, Vol. 1, p. 189).
([2]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1164/94, tas-16 ta' Mejju 1994, li jistabbilixxi Fond ta' Koeżjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 14, Vol. 1, p. 9).
([3]) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 213.
([4]) Regolament tal-Kunsill (KE, EURATOM) Nru 2988/95, tat-18 Diċembru 1995, dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 1, p. 340).

## Rikors ippreżentat fil-11 ta' Ġunju 2013 — Pappalardo et vs Il-Kummissjoni

**(Kawża T-316/13)**

(2013/C 226/33)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Salvatore Aniello Pappalardo (Cetara, l-Italja), Pescatori La Tonnara Soc. coop. (Cetara); Fedemar Srl (Cetara); Testa Giuseppe E C. Snc (Catania, l-Italja); Pescatori San Pietro Apostolo Srl (Cetara); Camplone Arnaldo & C. Snc di Camplone Arnaldo EC (Pescara, l-Italja); u Valentino Pesca Sas di Camplone Arnaldo & C. (Pescara) (rappreżentanti: V. Cannizzaro u L. Caroli, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

### Talbiet

— tistabbilixxi r-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Kummissjoni Ewropea għall-ħsara kkawżata mill-adozzjoni tar-Regolament Nru 530/2008, tat-12 ta' Ġunju 2008, li jistabbilixxi miżuri ta' emerġenza fir-rigward ta' bastimenti bil-purse seines li jistadu għat-tonn fl-Oċean Atlantiku, fil-Lvant tal-lonġitudni 45 °W, u fil-Baħar Mediterran, iddikjarat invalidu mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha tas-17 ta' Marzu 2011 mogħtija fil-Kawża C-221/09;

— u, konsegwentement, tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ħlas tad-danni kkawżati;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Ir-rikorrenti f'din il-kawża jippreċiżaw li r-responsabbiltà mhux kuntrattwali inkwistjoni hija riżultat ta' dak ordnat illegalment mill-Kummissjoni, bir-Regolament 530/2008, jiġifieri, il-waqfien obbligatorju tas-sajd għat-tonn mis-16 ta' Ġunju 2008 għall-bastimenti li huma rreġistrati fil-Greċja, fi Franza, fl-Italja, f'Ċipru u f'Malta, filwaqt li waqfien simili ġie ordnat kontra bastimenti rreġistrati fi Spanja biss mit-23 ta' Ġunju 2008.

Skont ir-rikorrenti, f'din il-kawża hemm il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa sabiex tiġi stabbilita r-responsabbiltà tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea għal attività leġiżlattiva, jiġifieri: il-ksur serju ta' regola li tipproteġi l-individwu, ir-realtà tad-dannu u l-eżistenza ta' rabta kawżali bejn tali aġir u d-dannu invokat.

Huwa enfasizzat f'dan ir-rigward li r-Regolament 530/2008 ġie ddikjarat kollu invalidu mill-Qorti tal-Ġustizzja minħabba ksur tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni, u li skont ġurisprudenza stabbilita, il-ksur tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni jaqa' taħt l-ipoteżi ta' ksur serju ta' regola superjuri intiża li tipproteġi l-individwi.

---

## Rikors ippreżentat fit-13 ta' Ġunju 2013 — Vita Phone vs UASI (LIFEDATA)

**(Kawża T-318/13)**

(2013/C 226/34)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Vita Phone GmbH (Mannheim, il-Ġermanja) (rappreżentanti: P. Ruess u A. Doepner-Thiele avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

### Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tas-26 ta' Marzu 2013 (Każ R 1072/2012-1);

— tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* it-trade mark verbali "LIFE-DATA" għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 10 u 44 — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 10 525 053

*Deċiżjoni tal-eżaminatur:* applikazzjoni miċħuda

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* appell miċħud

*Motivi invokati:*

— ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009

— ksur tal-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament Nru 207/2009

# IT-TRIBUNAL GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU

**Rikors ippreżentat fil-25 ta' Mejju 2013 — ZZ et vs FEI**

**(Kawża F-51/13)**

(2013/C 226/35)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* ZZ *et* (rappreżentant: L. Levi, avukat)

*Konvenut:* Fond Ewropew tal-Investiment

### Suġġett

Annullament tad-deċiżjonijiet li jidhru fir-rendikonti tas-salarju tax-xahar ta' Frar 2013, li jistabbilixxu l-aġġustament annwali tas-salarji limitat għal 1.8 % għas-sena 2013 u l-annullament tar-rendikonti sussegwenti. Min-naħa l-oħra, it-talba sussegwenti għall-kundanna tal-istituzzjoni għall-ħlas tad-danni materjali u morali allegatament subiti.

### Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla d-deċiżjoni kontenuta fir-rendikonti tas-salarju tar-rikorrenti tax-xahar ta' Frar 2013, deċiżjoni li tistabbilixxi l-aġġustament annwali tas-salarji limitat għal 1.8 % għas-sena 2013 u, b'hekk, l-annullament tad-deċiżjonijiet simili kontenuti fir-rendikonti sussegwenti;

— tikkundanna lill-konvenut għall-ħlas tad-danni materjali (i) tal-ammont tas-salarju korrispondenti mal-applikazzjoni tal-aġġustament annwali għas-sena 2013, jiġifieri żieda ta' 1.8 %, għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2013; (ii) tal-ammont tas-salarju korrispondenti mal-konsegwenzi tal-applikazzjoni tal-aġġustament annwali ta' 1.8 % għall-2013 fuq l-ammont tas-salarji li jkunu mħallsa minn Jannar 2014; (iii) ta' interessi moratorji fuq l-ammonti ta' salarji dovuti sal-ħlas komplet tas-somom dovuti, ir-rata ta' interessi moratorji li għandha tiġi applikata għandha tkun ikkalkolata fuq il-bażi tar-rata stabbilita mill-Bank Ċentrali Ewropew għat-tranżazzjonijiet prinċipali ta' finanzjament mill-ġdid, applikabbli fil-perijodu kkonċernat, biż-żieda ta' tliet punti u (iv) tad-danni minħabba t-telf tal-poter ta' akkwist;

— tikkundanna lill-konvenut għall-ħlas lil kull rikorrenti ta' EUR 1 000 bħala kumpens għad-dannu morali;

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

---

**Rikors ippreżentat fit-2 ta' Ġunju 2013 — ZZ vs BEI**

**(Kawża F-55/13)**

(2013/C 226/36)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

### Partijiet

*Rikorrent:* ZZ (rappreżentant: L. Isola, avukat)

*Konvenut:* Il-Bank Ewropew tal-Investiment

### Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża

Annullament tar-rapport ta' evalwazzjoni tar-rikorrent għas-sena 2011, sa fejn dan ma jikklassifikax ir-rendiment tiegħu bħala "exceptional" jew bħala "very good" u ma jipproponiehx għall-promozzjoni għall-Funzjoni D, u sa fejn dan jiffissa l-objettivi tiegħu għas-sena 2012, annullament tal-Linji gwida għar-rapport ta' evalwazzjoni 2011 u, fl-aħħar nett, kundanna tal-BEI għall-kumpens għad-danni morali u materjali li r-rikorrent jallega li sostna.

### Talbiet tar-rikorrent

— jannulla: a) id-deċiżjoni tat-18 ta' Diċembru 2012, sa fejn il-Kumitat tal-Appell, taħt l-Artikolu 22 tar-Regolamenti tal-Persunal tal-BEI u n-Nota lill-Persunal HR/P&O.2012-0103, tad-29 ta' Marzu 2012, ċaħad l-appell kontra r-rapport ta' evalwazzjoni tar-rikorrent tal-2011; b) il-parti tar-rapport ta' evalwazzjoni 2011 li tevalwa r-rendiment tar-rikorrent, sa fejn din ma tiġborx fil-qosor tali rendiment bħala "Exceptional" jew bħala "Very good" u, fl-aħħar nett, sa fejn din ma tipproponiehx għall-promozzjoni għall-Funzjoni D, kif ukoll il-parti li tiffissa l-objettivi tiegħu għas-sena 2012; c) l-atti kollha relatati, konsekuttivi u preċedenti, fosthom il-promozzjonijiet li jirriżultaw min-nota tad-Direttur tar-Riżorsi Umani ta' Mejju 2012 intitolata "2011 staff appraisal exercise, award of promotions and titles", peress li, fid-dawl tal-evalwazzjoni espressa mis-superjuri tiegħu li llum qiegħda tiġi kkontestata, il-BEI naqas milli jikkunsidrah fil-punt "Promotions from function E to D".

— jannulla jew ma japplikax il-Linji gwida stabbiliti mid-Direttorat "Riżorsi Umani" permezz tan-Nota RH/P&O/2011-0242 Nr. 709, tat-13 ta' Diċembru 2011, u l-"Guidelines to the 2011 annual staff appraisal exercise" korrispondenti, tal-14 ta' Diċembru 2011, anki fil-parti fejn dawn jipprovdu li l-evalwazzjoni finali għandha tkun espressa permezz ta' deskrizzjoni fil-qosor iżda ma jistabbilixxux il-kriterji li magħhom għandu jimxi l-evalwatur sabiex rendiment jitqies

bħala “exceptionnelle dépassant les attentes [eċċezzjonali — li jmur lil hinn mill-aspettattivi]”, “très bonne [tajjeb ħafna]”, jew “répondant à toutes les attentes [jissodisfa l-aspettattivi kollha]”;

— jikkundanna lill-konvenut għall-kumpens tad-danni morali u materjali li jirriżultaw u għall-ispejjeż.

---

**Rikors ippreżentat fil-21 ta’ Ġunju 2013 — ZZ vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża F-57/13)**

(2013/C 226/37)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrent*: ZZ (rappreżentanti: D. Abreu Caldas, A. Coolen, J.-N. Louis u É. Marchal, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża**

L-annullament tad-deċiżjoni li tistabbilixxi l-akkreditazzjoni tad-drittijiet għal pensjoni akkweżiti qabel id-dħul fid-Dipartiment tal-Kummissjoni skont id-DĠI ġodda u d-deċiżjoni ta’ ċaħda tal-ilment.

**Talbiet tar-rikorrenti**

— Jannulla d-deċiżjoni tat-8 ta’ Jannar 2013 dwar il-kalkolu tal-akkreditazzjoni tad-drittijiet tal-pensjoni tiegħu akkweżiti qabel id-dħul tiegħu fid-Dipartiment tal-Kummissjoni;

— sa fejn meħtieġ, jannulla d-deċiżjoni ta’ ċaħda tal-ilment tiegħu tat-12 ta’ Marzu 2013 intiża għall-applikazzjoni tad-DĠI u tar-rati ta’ ħlas fis-seħħ fil-mument tat-talba tiegħu ta’ trasferiment tad-drittijiet tiegħu ta’ pensjoni;

— jikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

| Avviż Nru | Werrej (ikompli) | Paġna |
|---|---|---|
| 2013/C 226/20 | Kawża T-277/13: Rikors ippreżentat fil-15 ta’ Mejju 2013 — Marquis Energy vs Il-Kunsill | 12 |
| 2013/C 226/21 | Kawża T-289/13: Rikors ippreżentat fl-24 ta’ Mejju 2013 — Ledra Advertising vs Il-Kummissjoni u l-BĊE | 13 |
| 2013/C 226/22 | Kawża T-290/13: Rikors ippreżentat fl-24 ta’ Mejju 2013 — CMBG vs Il-Kummissjoni u l- BĊE | 14 |
| 2013/C 226/23 | Kawża T-291/13: Rikors ippreżentat fl-24 ta’ Mejju 2013 — Eleftheriou u Papachristofi vs Il-Kummissjoni u l-BĊE | 15 |
| 2013/C 226/24 | Kawża T-292/13: Rikors ippreżentat fl-24 ta’ Mejju 2013 — Evangelou vs Il-Kummisjoni u BĊE | 17 |
| 2013/C 226/25 | Kawża T-293/13: Rikors ippreżentat fl-24 ta’ Mejju 2013 — Theophilou vs Il-Kummissjoni u l-BĊE | 18 |
| 2013/C 226/26 | Kawża T-294/13: Rikors ippreżentat fis-27 ta’ Mejju 2013 — Fialtor vs Il-Kummissjoni u l-BĊE | 19 |
| 2013/C 226/27 | Kawża T-296/13: Rikors ippreżentat fit-30 ta’ Mejju 2013 — Adler Modemärkte vs UASI — Blufin (MARINE BLEU) | 21 |
| 2013/C 226/28 | Kawża T-302/13: Rikors ippreżentat fit-28 ta’ Mejju 2013 — Nordex Holding vs UASI — Fontana Food (Taverna) | 21 |
| 2013/C 226/29 | Kawża T-306/13: Rikors ippreżentat fil-5 ta’ Ġunju 2013 — Silicium España Laboratorios vs UASI — LLR-G5 (LLRG5) | 22 |
| 2013/C 226/30 | Kawża T-308/13: Rikors ippreżentat fis-7 ta’ Ġunju 2013 — Repsol vs UASI — Argiles (ELECTRO-LINERA) | 22 |
| 2013/C 226/31 | Kawża T-309/13: Rikors ippreżentat fis-7 ta’ Ġunju 2013 — Enosi Mastichoparagogon vs UASI — Gaba International (ELMA) | 23 |
| 2013/C 226/32 | Kawża T-314/13: Rikors ippreżentat fit-12 ta’ Ġunju 2013 — Il-Portugall vs Il-Kummissjoni | 23 |
| 2013/C 226/33 | Kawża T-316/13: Rikors ippreżentat fil-11 ta’ Ġunju 2013 — Pappalardo et vs Il-Kummissjoni | 25 |
| 2013/C 226/34 | Kawża T-318/13: Rikors ippreżentat fit-13 ta’ Ġunju 2013 — Vita Phone vs UASI (LIFEDATA) | 25 |


**It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku**


| | | |
|---|---|---|
| 2013/C 226/35 | Kawża F-51/13: Rikors ippreżentat fil-25 ta’ Mejju 2013 — ZZ et vs FEI | 26 |
| 2013/C 226/36 | Kawża F-55/13: Rikors ippreżentat fit-2 ta’ Ġunju 2013 — ZZ vs BEI | 26 |
| 2013/C 226/37 | Kawża F-57/13: Rikors ippreżentat fil-21 ta’ Ġunju 2013 — ZZ vs Il-Kummissjoni | 27 |


MT

EUR-Lex (http://new.eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu

**L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT